Qala	Id-dar bla nru. u bl-isem "Canadian Comfort" fi Triq Patri Guzepp Portelli mibnija fuq porzjon art maghrufa bhala "Tas-Salib" – 152.8m.k.	Buttigieg Angela sive Gulina	6840G	846/06 Gozo
Qala	*House without no. and named "Canadian Comfort" in Triq Patri Guzepp Portelli built on a portion of land known as "Tas-Salib" – 152.8s.m.*	*Buttigieg Angela sive Gulina*	*6840G*	
Qala	Ghal 2/10 indiviz mill-porzjon art maghrufa bhal "Tan-Nigret" – 191.1m.k.	Buttigieg Carmelo et	58833G	847/06 Gozo
Qala	*2/10 undivided share of a portion of land known as "Tan-Nigret" – 191.1s.m.*	*Buttigieg Carmelo et*	*58833G*	
Qala	Ghal 2/10 indiviz mill-porzjon art maghrufa bhal "Tan-Nigret" – 737.1m.k.	Buttigieg Carmelo et	58833G	848/06 Gozo
Qala	*2/10 undivided share of a portion of land known as "Tan-Nigret" – 737.1s.m.*	*Buttigieg Carmelo et*	*58833G*	
Qala	Ghal 2/10 indiviz mill-porzjon art maghrufa bhal "Tal-Mehba" – 571.1m.k.	Buttigieg Carmelo et	58833G	849/06 Gozo
Qala	*2/10 undivided share of a portion of land known as "Tal-Mehba" – 571.1s.m.*	*Buttigieg Carmelo et*	*58833G*	
Qala	Ghal 2/10 indiviz mill-porzjon art maghrufa bhala "Tal-Mehba" -154.1m.k.	Buttigieg Carmelo et	58833G	850/06 Gozo
Qala	*2/10 undivided share of a portion of land known as "Tal-Mehba" – 154.1s.m.*	*Buttigieg Carmelo et*	*58833G*	
Qala	Ghal 2/10 indiviz mill-porzjon art maghrufa bhala "Tal-Mehba" -521.1m.k.	Buttigieg Carmelo et	58833G	851/06 Gozo
Qala	*2/10 undivided share of a portion of land known as "Tal-Mehba" – 521.1s.m.*	*Buttigieg Carmelo et*	*58833G*	
Qala	Ghal 2/10 indiviz mill-porzjon art maghrufa bhala "Tal-Mehba" – 304.1m.k.	Buttigieg Carmelo et	58833G	852/06 Gozo
Qala	*2/10 undivided share of a portion of land known as "Tal-Mehba" – 304.1s.m.*	*Buttigieg Carmelo et*	*58833G*	

Lokalità *Locality*	Proprjetà *Property*	Applikant *Applicant*	Identifikazzjoni *Identification*	LR-A *LR-A*
Qala	Ghal 2/10 indiviz mill-porzjon art maghrufa bhala "Tac-Cjotu" sive "Tal-Qortin" – 378.1m.k.	Buttigieg Carmelo et	58833G	853/06 Gozo
Qala	*2/10 undivided share of a portion of land known as "Tac-Cjotu" sive "Tal-Qortin" – 378.1s.m.*	*Buttigieg Carmelo et*	*58833G*	
Qala	Ghal 2/10 indiviz mill-porzjon art maghrufa bhala "Tal-Qortin" – 356.4m.k.	Buttigieg Carmelo et	58833G	854/06 Gozo
Qala	*2/10 undivided share of a portion of land known as "Tal-Qortin" – 356.4s.m.*	*Buttigieg Carmelo et*	*58833G*	
Qala	Ghal 2/10 indiviz mill-porzjon art maghrufa bhala "Ta' Tawru" sive "Ta' Meilak" – 120.5m.k.	Buttigieg Carmelo et	58833G	855/06 Gozo
Qala	*2/10 undivided share of a portion of land known as "Ta' Tawru" sive "Ta' Meilak" – 120.5s.m.*	*Buttigieg Carmelo et*	*58833G*	
Qala	Ghal 2/10 indiviz mill-porzjon art maghrufa bhala "Ta' Tonin" sive "Ta' Kalang" – 96m.k.	Buttigieg Carmelo et	58833G	856/06 Gozo
Qala	*2/10 undivided share of a portion of land known as "Ta' Tonin" sive "Ta' Kalang" – 96s.m.*	*Buttigieg Carmelo et*	*58833G*	
Qala	Ghal 2/10 indiviz mill-porzjon art maghrufa bhala "Tas-Salib" fi Triq Patri G. Portelli – 195.2m.k.	Buttigieg Carmelo et	58833G	857/06 Gozo
Qala	*2/10 undivided share of a portion of land known as "Tas-Salib" fi Triq Patri G. Portelli – 195.2s.m.*	*Buttigieg Carmelo et*	*58833G*	
Qala	Ghal 2/10 ndivizi ta' 5/8 ndivizi mid-dar nru. 88fi Triq Wardija	Buttigieg Carmelo et	58833G	858/06 Gozo
Qala	*2/10 undivided share of 5/8 undivided share of a house no. 88 in Triq Wardija*	*Buttigieg Carmelo et*	*58833G*	
Qala	Ghal 2/10 indiviz mill-porzjon art maghrufa bhala "Ta' Muxi" – 176.1m.k.	Buttigieg Carmelo et	58833G	860/06 Gozo
Qala	*2/10 undivided share of a portion of land known as "Ta' Muxi" – 176.1s.m.*	*Buttigieg Carmelo et*	*58833G*	
Qala	Bicca art maghrufa bhala "Tal-Andar ix-Xaghri" – 280m.k.	Buttigieg Michael et	34031G	862/06 Gozo
Qala	*Piece of land known as "Tal-Andar ix-Xaghri" – 280s.m.*	*Buttigieg Michael et*	*34031G*	
Qala	Porzjon art maghrufa bhala "Ta' Ghugha" sive "Tal-Ghassa" f'Hondoq ir-Rummien – 4,410m.k.	Gvern ta' Malta		874/06 Gozo
Qala	*Portion of land known as "Ta' Ghugha" sive "Tal-Ghassa" in Hondoq ir-Rummien – 4,410s.m.*	*Government of Malta*		
Qala	Ghal 10/11 indiviz ta ½ indiviz ta' porzjon art maghrufa bhala "Tal-Klin" – 12260m.k.	Vella Joseph et		908/06 Gozo
Qala	*10/11 undivided share of ½ undivided share of a portion of land known as "Tal-Klin" – 12260s.m.*	*Vella Joseph et*		

Lokalità *Locality*	Proprjetà *Property*	Applikant *Applicant*	Identifikazzjoni *Identification*	LR-A *LR-A*
Rabat Ghawdex	Bicca art - 112m.k.	Gvern ta' Malta		738/06 Gozo
Rabat *Ghawdex*	*Piece of land - 112s.m.*	*Government of Malta*		
Rabat Ghawdex	Bicca art - 65m.k.	Gvern ta' Malta		739/06 Gozo
Rabat *Ghawdex*	*Piece of land - 65s.m.*	*Government of Malta*		
Rabat Ghawdex	Id-dirett dominju perpetwu u c-cens annwu u perpetwu tal-propjeta' maghrufa bhala "Roma" f'Giuseppa Labre Street – 107.6m.k.	Gvern ta' Malta		748/06 Gozo
Rabat *Ghawdex*	*The perpetual directum dominium and the relative annual, perpetual and revisable ground rent burdening tenement known as "Roma" in Giuseppe Labre Street - 107.6s.m.*	*Government of Malta*		
Rabat Ghawdex	Korrezzjoni ta' Titolu Nru. 11000514 – Porzjon art 749.52m.k., peress li l-applikazzjoni kienet dahlet zbaljata	Gvern ta' Malta		778/06 Gozo
Rabat *Ghawdex*	*Correction of Title No. 11000514 – Portion of land 749.52s.m., as wrong application was submitted*	*Government of Malta*		
Rabat Ghawdex	Porzjon art fi Triq Sant Ursola -375m.k.	Stellini Pawlina et		916/06 Gozo
Rabat *Ghawdex*	*Portion of land in Triq Sant Ursola – 375s.m.*	*Stellini Pawlina et*		
San Lawrenz	Porzjon art maghrufa bhala "Ta' San Lawrenz" sive "Tal-Gnien" - 409m.k.	Gatt Salvina et	9840G	729/06 Gozo
San Lawrenz	Portion of land known as "Ta' San Lawrenz" sive "Tal-Gnien" - 409s.m.	*Gatt Salvina et*	*9840G*	
San Lawrenz	Ghal 1/12 indiviz minn porzjon art maghrufa bhala"Id-Dwejra" – 75m.k.	Cremona Sarah et		768/06 Gozo
San Lawrenz	*1/12 undivided share of portion of land known as "Id-Dwejra" – 75s.m.*	*Cremona Sarah et*		
San Lawrenz	Porzjon art maghrufa bhal "Il-Wilga ta' Gedrin" – 2110m.k.	Gatt Salvina et	9840G	806/06 Gozo
San Lawrenz	*Portion of land known as "Il-Wilga ta' Gedrin" – 2110s.m.*	*Gatt Salvina et*	*9840G*	
San Lawrenz	Bicca raba' maghrufa bhala "Ta' Wied Gonu" – 188m.k.	Vella Maria	67545G	810/06 Gozo
San Lawrenz	*Piece of land known as "Ta' Wied Gonu" – 188s.m.*	*Vella Maria*	*67545G*	
Sannat	Korrezzjoni ta' LRA(G) 265/06 – Porzjon art imsejhaa "ta' Marziena" fi Triq Marziena – 1080m.k., peress li l-applikazzjoni kienet dahlet zbaljata.	Grech Anna et	27960G	765/06 Gozo
Sannat	*Correction of LRA(G) 265/05 – Portion of land known as " ta' Marziena" in Triq Marziena – 1080s.m., as wrong application was submitted*	*Grech Anna et*	*27960G*	
Sannat	Porzjon art maghrufa bhala "Il-Moxa" – 187m.k.	Vella George et	55858G	777/06 Gozo

Lokalità *Locality*	Proprjetà *Property*	Applikant *Applicant*	Identifikazzjoni *Identification*	LR-A *LR-A*
Sannat	*Portion of land known as "Il-Moxa" – 187s.m.*	*Vella George et*	*55858G*	
Sannat	Bicca art maghrufa bhala "Ta' Xtirpa" sive "Ta' Xtripe" – 330m.k.	Galea Dottor Francis sive Frank et	14558G	863/06 Gozo
Sannat	*Piece of land known as "Ta' Xtripa" sive "Ta' Xtripe" – 330s.m.*	*Galea Dottor Francis sive Frank et*	*14558G*	
Sannat	Korrezzjoni ta' LRC 247/2005 – Dar nru. 115 bl-isem "Ave Maria" fi Triq ta' Cenc, peress li l-applikazzjoni kienet dahlet zbaljata	Emmanuel Bonnici & Sons Ltd.	C 5828	166/06 Gozo
Sannat	*Correction of LRC 247/2005 – House no. 115 named "Ave Maria", as wrong application was submitted*	*Emmanuel Bonnici & Sons Ltd.*	*C 5828*	
Sannat	Porzjon art maghrufa bhala "Ta' Xtripa" – 178m.k.	Baron Group Ltd		913/06 Gozo
Sannat	*Portion of land known as "Ta' Xtripa" – 178s.m.*	*Baron Group Ltd*		
Sannat	Porzjon art maghrufa bhala "Ta' Xtripa" – 167m.k.	Azzopardi Joseph	22274G	914/06 Gozo
Sannat	*Portion of land known as "Ta' Xtripa" – 167s.m.*	*Azzopardi Joseph*	*22274G*	
Xaghra	Bicca art - 108m.k.	Gvern ta' Malta		733/06 Gozo
Xaghra	*Piece of land - 108s.m.*	*Government of Malta*		
Xaghra	Is-sub utile dominju temporanju u c-cens annwu u temporanju rrevedibli ta' bicca art maghrufa bhala "Ta' Ghajn Xejba" – 1640s.m.	Gvern ta' Malta		785/06 Gozo
Xaghra	*The temporary sub utile dominum and the relative annual and temporary non-revisable ground rent of a portion of land "Ta' Ghajn Xejba" – 1640m.k.*	*Government of Malta*		
Xewkija	Ghal 1/5 indiviz min porzjon art maghrufa bhala "Ta' Trejsu" – 681m.k.	Axiaq Mary et	21069G	774/06 Gozo
Xewkija	*1/5 undivided share of portion of land known as "Ta' Trejsu" – 681s.m.*	*Axiaq Mary et*	*21069G*	
Xewkija	Ghal 1/56 indiviz ta' porzjon art maghrufa bhala "Ta' Marziena"- 19,078m.k.	Debrincat Francis et	19038G	794/06 Gozo
Xewkija	*1/56 undivided share of a piece of land known as "Ta' Marziena" – 19,078s.m.*	*Debrincat Francis et*	*19038G*	
Xewkija	Porzjon art maghrufa bhala "Tal-Indrizzatura" kontrada "Tal-Barmil" – 3574m.k.	Gvern ta' Malta		868/06 Gozo
Xewkija	*Portion of land known as "Tal-Indrizzatura" in the area of "Tal-Barmil" – 3574s.m.*	*Government of Malta*		
Xewkija	Ghal ½ indiviz mill-fond bl-isem Josmar fi Triq it-Torri Gorgun	Vella Maria et	34325G	876/06 Gozo
Xewkija	*½ undivided share of premises without a name in Triq it-Torri Gorgun*	*Vella Maria et*	*34325G*	
Xewkija	Ghal 1/14 indiviz mill-porzjon art maghrufa bhala "Ta' Gorgun" – 490m.k.	Vella Maria et	34325G	877/06 Gozo
Xewkija	*1/14 undivided share of portion of land known as "Ta' Gorgun" – 490s.m.*	*Vella Maria et*	*34325G*	
Xewkija	Ghal ½ indiviz ta' porzjon art maghrufa bhala "Ta' Gorgun" – 2779m.k.	Vella Maria et	34325G	878/06 Gozo
Xewkija	*½ undivided share of a portion of land known as "Ta' Gorgun" – 2779s.m.*	*Vella Maria et*	*34325G*	

Lokalità *Locality*	Proprjetà *Property*	Applikant *Applicant*	Identifikazzjoni *Identification*	LR-A *LR-A*
Xewkija	Ghal ½ indiviz ta' porzjon art maghrufa bhala "Ta' Gorgun" – 2270m.k.	Vella Maria et	34325G	879/06 Gozo
Xewkija	*½ undivided share of a portion of land known as "Ta' Gorgun" – 2270s.m.*	*Vella Maria et*	*34325G*	
Xewkija	Ghal 1/14 indiviz ta' porzjon art maghrufa bhala "Ta' Gorgun" – 280m.k.	Vella Maria et	34325G	880/06 Gozo
Xewkija	*1/14 undivided share of a portion of land known as "Ta' Gorgun" – 280s.m.*	*Vella Maria et*	*34325G*	
Xewkija	Ghal 1/14 indiviz ta' porzjon art maghrufa bhala "Ta' Gorgun" – 4950m.k.	Vella Maria et	34325G	881/06 Gozo
Xewkija	*1/14 undivided share of a portion of land known as "Ta' Gorgun" – 4950s.m.*	*Vella Maria et*	*34325G*	
Xewkija	Ghal ½ indiviz ta' porzjon art maghrufa bhala "Ta' Gorgun" – 3049m.k.	Vella Maria et	34325G	882/06 Gozo
Xewkija	*½ undivided share of a portion of land known as "Ta' Gorgun" – 3049s.m.*	*Vella Maria et*	*34325G*	
Xewkija	Ghal ½ indiviz ta' porzjon art maghrufa bhala "Ta' Gorgun" – 4029m.k.	Vella Maria et	34325G	883/06 Gozo
Xewkija	*½ undivided share of a portion of land known as "Ta' Gorgun" – 4029s.m.*	*Vella Maria et*	*34325G*	
Xewkija	Ghal ½ indiviz ta' porzjon art maghrufa bhala "Ta' Gorgun" – 831m.k.	Vella Maria et	34325G	884/06 Gozo
Xewkija	*½ undivided share of a portion of land known as "Ta' Gorgun" – 831s.m.*	*Vella Maria et*	*34325G*	
Xewkija	Ghal ½ indiviz ta' porzjon art maghrufa bhala "Ta' Gorgun" – 741m.k.	Vella Maria et	34325G	885/06 Gozo
Xewkija	*½ undivided share of a portion of land known as "Ta' Gorgun" – 741s.m.*	*Vella Maria et*	*34325G*	
Zebbug	Porzjon art maghrufa bhala "Is-Sinet iz-Zghir" f'Cannon Road – 10,605m.k.	Gvern ta' Malta		869/06 Gozo
Zebbug	*Portion of land known as "Is-Sinnet iz-Zghir" in Cannon Road – 10,605s.m.*	*Government of Malta*		
Zebbug Ghawdex	Bicca art – 13m.k.	Gvern ta' Malta		890/06 Gozo
Zebbug Ghawdex	*Piece of land – 13s.m.*	*Government of Malta*		
Zebbug Ghawdex	Bicca art – 160m.k.	Gvern ta' Malta		891/06 Gozo
Zebbug Ghawdex	*Piece of land – 160s.m.*	*Government of Malta*		
Zebbug Ghawdex	Bicca art – 68m.k.	Gvern ta' Malta		892/06 Gozo
Zebbug Ghawdex	*Piece of land – 68s.m.*	*Government of Malta*		

L-applikazzjonijiet, pjanti ta' l-art u d-dokumenti preżentati magħhom, jistgħu jiġu eżaminati fir-Reġistru ta' l-Artijiet, iċ-Ċentru Amministrattiv, Pjazza San Franġisk, ir-Rabat, Għawdex, bejn it-8.00 a.m. u s-2.30 p.m.

Dott. Marlin Vella, LL.D.
għar-Reġistratur ta' l-Artijiet

Is-16 ta' Ġunju, 2006

The applications, plans of the land and accompanying documents may be inspected at the Land Registry, the Administration Centre, Pjazza San Franġisk, Victoria, Gozo, between 8.00 a.m. and 2.30 p.m.

Dr Marlin Vella, LL.D.
For/Land Registrar

16th June, 2006

Nru. 533

UFFIĊĊJU TAL-KOMPETIZZJONI ĠUSTA

Deċiżjoni

CCD/42/06

21 ta' Marzu, 2006

Deciżjoni dwar akkwist ai termini tar-regolament 6(1)(ii) tar-Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Koncentrazzjonijiet (A.L. 294 ta' l-2002).

L-Uffiċċju tal-Kompetizzjoni Ġusta,

Wara li kkunsidra n-notifikazzjoni tat-8 ta' Frar 2006 ai termini tar-regolament 5 ta' l-A.L. 294 ta' l-2002;

Wara li kkunsidra l-provvedimenti tar-Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Konċentrazzjonijiet ta' l-2002 (A.L. 294 ta' l-2002);

Wara li kkunsidra l-ġurisprudenza ta' l-Unjoni Ewropea u dik ta' pajjiżi oħra barranin;

Il-Fatti

1. Fit-8 ta' Frar, 2006 l-Avukat Adrian Mallia, bħala mandatarju speċjali ta' l-intrapriża Terra Firma Investments (GP) 2 Ltd., intavola fl-Uffiċċju tal-Kompetizzjoni Ġusta (aktar 'l isfel imsejjaħ l-"UKG") in-notifika ta' l-Akkordju ta' Xiri datat 29 ta' Jannar, 2006 (aktar 'l isfel imsejjaħ l-"Akkordju") bejn minn naħa waħda Terra Firma Investments (GP) 2 Ltd., u min-naħa l-oħra l-kumpaniji MS Financing Inc. u Morgan Sanley, skond liema Akkordju Terra Firma Investments (GP) 2 Ltd., a nom u in rappreżentanza ta' Terra Firma Capital Partners II Fund, se takkwista l-kontroll sħiħ u assolut ta' AWAS Aviation Holdings LLC.

2. L-intavolar u l-aċċettazzjoni ta' tali notifikazzjoni ġew mgħarrfa lill-pubbliku permezz tan-notifikazzjoni li dehret fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 17,882 fis-17 ta' Frar, 2006, u notifikazzjoni oħra li dehret f'gazzetta lokali fis-17 ta' Frar, 2006.

Il-Partijiet

3. Il-parti li għamlet in-notifika, Terra Firma Investments (GP) 2 Ltd (a nom u in rappreżentanza ta' Terra Firma Capital Partners II Fund) tifforma parti minn grupp ta' kumpaniji (it-Terra Firma Group)[1] li topera negozju ta' *private equity management*, u li tikkontrolla l-ishma ta' numru ta' kumpaniji li fil-parti l-kbira joperaw fir-Renju Unit u fl-Ewropa Kontinentali. Terra Firma Investments (GP) 2 Ltd. hija s-soċju ġenerali ta' sitt soċjetajiet b'responsabbiltà limitata li flimkien jikkostitwixxu l-fond magħruf bħala t-Terra Firma Capital Partners II Fund ("TFCP II"), u teżerċita wkoll influenza

No. 533

OFFICE FOR FAIR COMPETITION

Decision

CCD/42/06

21 March 2006

Decision on acquisition in terms of regulation 6(1) (ii) of Regulations on Control of Concentrations (LN 294 of 2002)

The Office for Fair Competition,

Having considered the notification of 8 February 2006 pursuant to regulation 5 of LN 294 of 2002

Having considered the provisions of the Regulations on Control of Concentrations, 2002 (LN 294 of 2002)

Having considered EC and other foreign jurisprudence

Facts

1. On 8 February, 2006 Dr Adrian Mallia, as special mandatory of Terra Firma Investments (GP) 2 Ltd., notified the Office for Fair Competition (hereinafter referred to as "OFC") with the Purchase Agreement dated as of 29 January 2006 (hereinafter referred to as "Agreement") entered into between Terra Firma Investments (GP) 2 Ltd. on the one hand, and MS Financing Inc. and Morgan Stanley on the other, according to which Terra Firma Investments (GP) 2 Ltd., for and on behalf of the Terra Firma Capital Partners II Fund, is to acquire full and sole control of AWAS Aviation Holdings LLC.

2. The filing and the acceptance of such notification were notified to the public through a Government notice in the Government Gazette number 17, 882 on 17 February, 2006 and another Government notice that appeared in a local newspaper on 17 February, 2006.

Parties

3. The Notifying Party, Terra Firma Investments (GP) 2 Ltd. (for and on behalf of the Terra Firma Capital Partners II Fund), forms part of a group of companies (the Terra Firma Group)[1] which operates a private equity management business, controlling a portfolio of investee companies whose businesses are largely centered in the UK and Continental Europe. Terra Firma Investments (GP) 2 Ltd. is the general partner of six limited partnerships that together constitute the fund known as the Terra Firma Capital Partners II Fund ("TFCP II"), and exercises decisive influence over TFCP II

deċiżiva fuq TFCP II ai termini ta' l-A.L. 294 ta' l-2002. Terra Firma Investments (GP) 2 Ltd. hija kumpanija inkorporata taħt il-liġijiet ta' Guernsey, u l-indirizz reġistrat tagħha huwa: PO Box 543, East Wing, Trafalgar Court, Admiral Park, St Peter Port, Guernsey GY1 6HJ.

4. L-attivitajiet kummerċjali f'Malta tal-parti li għamlet in-notifika huma is-segwenti:

i. Carmelite Capital Ltd., entità li taqa' taħt il-kontroll tat-Terra Firma Group għandha kumpanija sussidjarja Caversham Finance Ltd., li għandha kumpanija sussidjarja ta' l-assigurazzjoni f'Malta, Caversham Insurance (Malta) Limited [C 37038]. Din ta' l-aħħar tissottoskrivi poloz ta' l-assigurazzjoni li jkopru riskji fir-Renju Unit li jassiguraw kontra ħsara għall-attrezzatura, serq u dannu aċċidentali għall-prodotti li jinbiegħu lill-konsumatur. Dawn il-poloz jinżammu minn klijenti ta' Caversham.

ii. Membru ieħor tal-grupp Carmelite Capital Limited, Quadriga Italiana SpA, joffri servizzi ta' intratteniment interattiv għal ġol-kmamar lil lukandi f'Malta.

5. Il-parti akkwistata, AWAS Aviation Holdings LLC, hi kumpanija b'responsabbiltà limitata soġġetta għal-liġijiet ta' l-istat ta' Delaware fl-Istati Uniti ta' l-Amerika, u li għandha l-bażi korporattiva tagħha f'Seattle fl-Istati Uniti ta' l-Amerika. AWAS hi sussidjarja proprjetà assoluta ta' MS Financing Inc., korporazzjoni li tinsab f'Delaware u li hi l-bejjiegħa ta' l-assi u d-djun kollha ta' AWAS skond l-Akkordju ta' Xiri notifikat. Il-kumpanija omm ta' MS Financing Inc. hi Morgan Stanley, ukoll korporazzjoni li tinsab f'Delaware.

6. AWAS Aviation Holdings LLC (li qabel kienet iġġib l-isem ta' Ansett Worldwide Aviation Holdings L.L.C.) iżżomm l-ishma tal-grupp AWAS, liema grupp ġie ffurmat sabiex jixtri u jbiegħ ingenji ta' l-ajru għal użu kummerċjali u kif ukoll biex jidħol f'arranġamenti ta' kera ta' l-istess bħala kerrej operattiv. AWAS b'hekk toffri soluzzjonijiet ta' kapaċità fejn jirrigwarda inġenji ta' l-ajru permezz ta' kiri operattiv, kiri finanzjarju u *sale-leaseback*. AWAS tipprovdi wkoll inġenji ta' l-ajru u servizzi ta' amministrazzjoni ta' kiri, u kif ukoll pariri u għajnuna dwar investimenti fl-avjazzjoni, lil investituri terzi. AWAS twettaq l-operazzjonijiet tagħha madwar id-dinja kollha, u għandha uffiċċji f'Londra, Miami, Seattle u Singapore. L-attivitajiet kummerċjali ta' AWAS f'Malta huma limitati għall-kiri lil klijent Malti ta' (..) inġenji ta' l-ajru; AWAS m'għandhiex entitajiet jew kumpaniji sussidjarji f'Malta.

L-Akkordju

7. Skond l-Akkordju ta' Xiri datat 29 ta' Jannar, 2006 bejn Terra Firma Investments (GP) 2 Ltd. (aktar 'l isfel imsejħa "Terra Firma") bħala x-'xerrejja', MS Financing Inc. bħala l-'bejjiegħa' u Morgan Sanley bħala l-'garanti tal-bejjiegħa', Terra Firma se takkwista l-kontroll sħiħ u assolut ta' AWAS Aviation Holdings LLC (aktar 'l isfel imsejħa "AWAS")

within the meaning of LN 294 of 2002. Terra Firma Investments (GP) 2 Ltd. is a company incorporated under the laws of Guernsey, having its registered address at PO Box 543, East Wing, Trafalgar Court, Admiral Park, St Peter Port, Guernsey GY1 6HJ.

4. The Notifying Party's business activities in Malta are as follows:

i. Carmelite Capital Limited, an entity under the control of the Terra Firma Group, has a subsidiary Caversham Finance Ltd. which it turn has an insurance subsidiary in Malta, Caversham Insurance (Malta) Limited ħC 37038ż. The latter underwrites insurance policies covering risks in the UK that insure against equipment breakdown, theft and accidental damage of consumer durables. The policies are held by customers of Caversham.

ii. Another member of the Carmelite Capital Limited group, Quadriga Italiana SpA, offers in-room interactive entertainment services to hotels in Malta.

5. The Acquired Party, AWAS Aviation Holdings LLC, is a limited liability company subject to the laws of the state of Delaware, U.S.A. and having its corporate seat in Seattle, U.S.A. AWAS is a wholly owned subsidiary of MS Financing Inc., a Delaware corporation which is the seller of AWAS' assets and liabilities in terms of the notified Purchase Agreement. The ultimate parent of MS Financing Inc. is Morgan Stanley, also a Delaware corporation.

6. AWAS Aviation Holdings LLC (formerly known as Ansett Worldwide Aviation Holdings L.L.C.) is the holding company for the AWAS group of entities, which was formed to purchase and sell commercial aircraft and to enter into leases for commercial aircraft as an operating lessor. AWAS thus offers capacity aircraft solutions in the form of operating leases, finance lease and sale-leaseback transaction. It also provides third party investors with aircraft and lease management services and aviation investment advice and support. AWAS' operations are worldwide, and it has offices in London, Miami, Seattle and Singapore. AWAS' business activities in Malta are limited to the leasing to a Maltese customer of (..) aircraft; AWAS does not have any entities or subsidiaries in Malta.

Agreement

7. In terms of the Purchase Agreement dated 29 January 2006 entered into between Terra Firma Investments (GP) 2 Ltd. (hereinafter referred to as "Terra Firma") as the 'buyer', MS Financing Inc. as the 'seller' and Morgan Stanley as the 'seller guarantor', Terra Firma will acquire full and sole control of AWAS Aviation Holdings LLC (hereinafter

f'data mhux determinata fil-futur. Il-konklużjoni tat-transazzjoni proposta skond l-akkordju msemmi tiddependi, *inter alia*, fuq l-otteniment ta' l-approvazzjonijiet regolatorji kollha meħtieġa[2] , peress li t-transazzjoni proposta għandha tiġi notifikata lill-awtoritajiet dwar il-kompetizzjoni tan-Norveġja, l-Messiku u kif ukoll ta' Malta.

8. It-transazzjoni proposta tikkonċerna l-akkwist ta' l-assi u l-operazzjonijiet kollha tal-parti akkwistata u kif ukoll dawk ta' membri ohra tal-grupp AWAS, li jinkludu mingħajr limitazzjoni, inġenji ta' l-ajru u assi relatati ma' l-istess (li jinkludu magni), kuntratti ma' klijenti, id-drittijiet kollha ta' proprjetà intellettwali, drittijiet kuntrattwali, operazzjonijiet ta' bejgħ u kummerċjalizzazzjoni, materjali ta' kummerċjalizzazzjoni u d-debiti kollha relatati ta' AWAS. B'hekk huwa miftiehem illi, mal-konklużjoni tat-transazzjoni proposta:

a) Ix-xerrejja (Terra Firma Investments (GP) 2 Ltd.) għandha tgħaddi lill-bejjiegħa (MS Financing Inc.) il-prezz miftiehem, u

b) Il-bejjiegħa għandha tgħaddi lix-xerrejja id-dokumenti kollha meħtiega sabiex tittrasferixxi it-titolu għall-'Interess Beneficjarju' kollu f'AWAS lix-xerrejja.[3]

Konċentrazzjoni notifikabbli

9. It-transazzjoni notifikata li permezz tagħha Terra Firma se takkwista l-kontroll sħiħ u assolut ta' AWAS hija konċ entrazzjoni ai termini tar-regolament 2(d)(ii) tar-Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Konċentrazzjonijiet.

10. Ir-regolament 2(d)(ii) jirreferi għall-akkwist minn intrapriża waħda jew aktar minn waħda, jew minn persuna waħda jew aktar, li jkunu diġà jikkontrollaw mill-inqas xi intrapriża waħda, sew bix-xiri ta' titoli jew ta' assi, b'kuntratt jew b'kull mezz ieħor, ta' kontroll dirett jew indirett ta' intrapriża jew intrapriżi sħaħ, jew ta' partijiet minnhom.

11. F'dan il-każ, il-konċentrazzjoni proposta tirrigwarda l-akkwist ta' kontroll dirett minn Terra Firma ta' AWAS permezz ta' kuntratt.

***Threshold* li jiskatta l-obbligu ta' notifika**

12. Il-parti li qiegħda tinnotifika, Terra Firma Investments (GP) 2 Ltd. kella *turnover* ta' EUR (..) f'Malta fis-sena finanzjarja preċedenti, filwaqt li AWAS Aviation Holdings LLC kella *turnover* ta' EUR (..). Għalhekk is-somma totali tat-*turnovers* tal-partijiet involuti f'Malta fis-sena finanzjarja preċedenti taqbeż il-limitu ta' Lm 750,000 (bejn wieħed u ieħor ekwivalenti għal EUR 1,747,360) ikkontemplat fir-regolament numru 2 tar-Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Konċentrazzjonijiet, u għaldaqstant dan l-akkwist jikkwalifika bħala konċentrazzjoni notifikabbli ai termini ta' l-istess Regolamenti.

referred to as "AWAS") at an indeterminate future date. Closing of the proposed transaction under the said agreement is dependent, *inter alia*, on all regulatory approvals being obtained[2], given that the proposed acquisition must be notified concurrently to the competition authorities of Norway, Mexico as well as Malta.

8. The proposed acquisition involves the purchase of all the assets and operations of the acquired party and those of other members of the AWAS group, including, without limitation, aircraft and aircraft-related assets (including engines), customer contracts, all intellectual property rights, contract rights, sales and marketing operations, marketing materials and all related liabilities of AWAS. Thus it is agreed that, at the closing of the proposed transaction:

a) The buyer (Terra Firma Investments (GP) 2 Ltd.) shall deliver to the seller (MS Financing Inc.) the agreed purchase price, and

b) The seller shall deliver to the buyer all documents that are necessary to transfer title to all of the 'Beneficial Interest' in AWAS to the buyer.[3]

Notifiable Concentration

9. The notified operation whereby which Terra Firma is to acquire direct and full control of AWAS is a concentration within the meaning of regulation 2 (d) (ii) of the Regulations on the Control of Concentrations.

10. Regulation 2(d) (ii) refers to the acquisition by one or more undertakings or by one or more persons already controlling at least one undertaking, whether by purchase of securities or assets, by contract or by any other means, of direct or indirect control of the whole or parts of one or more undertakings.

11. In this case, the proposed concentration is the acquisition by Terra Firma of direct control of AWAS by means of a contract.

Threshold for Notification

12. The notifying party, Terra Firma Investments (GP) 2 Ltd. achieved a turnover of approximately EUR (..) in Malta in the last financial year, whereas AWAS Aviation Holdings LLC achieved a turnover of approximately EUR (..) in Malta in the last financial year. Therefore the aggregate turnover in Malta of the parties concerned in the preceding financial year exceeds that of Lm 750,000 (approximately equivalent to EUR 1,747,360) set out in regulation 2 of the Regulations on Control of Concentrations, thus rendering the notified acquisition a notifiable concentration in terms of the said Regulations.

Evalwazzjoni: is-Suq Rilevanti

Is-Suq għall-Prodott

13. Il-parti li qiegħda tinnotifika hija membru tat-Terra Firma Group, li jopera negozju ta' *private equity*. L-investimenti tiegħu jinkludu setturi ta' l-industrija bħal trasportazzjoni u distribuzzjoni ta' gass, kontroll ta' skart, bejgħ bl-imnut ta' xorb, ċinema, akkomodazzjoni residenzjali, mezzi ta' intratteniment interattiv għal lukandi, bejgħ bl-imnut ta' prodotti għall-konsumatur u servizzi għall-awtostradi. Madankollu, l-attivitajiet kummerċjali ta' Terra Firma f'Malta huma limitati għas-sottoskrizzjoni ta' poloz ta' l-assigurazzjoni li jkopru riskji fir-Renju Unit li jassiguraw kontra ħsara għall-attrezzatura, serq u dannu aċċidentali għal prodotti li jinbiegħu lill-konsumatur, u għall-forniment ta' servizzi ta' intratteniment interattiv għal ġol-kmamar lil lukandi f'Malta; dawn l-attivitajiet jitwettqu minn żewġ sussidjarji differenti ta' Carmelite Capital Limited, entità li taqa' taħt il-kontroll tat-Terra Firma Group.

14. Il-parti akkwistata, AWAS Aviation Holdings LLC toffri soluzzjonijiet ta' kapaċità fejn jirrigwardja inġenji ta' l-ajru permezz ta' kiri operattiv, kiri finanzjarju u *sale-leaseback*. AWAS tipprovdi wkoll inġenji ta' l-ajru u servizzi ta' amministrazzjoni ta' kiri, u kif ukoll pariri u għajnuna dwar investimenti fl-avjazzjoni, lil terzi investituri. L-attivitajiet kummerċjali ta' AWAS f'Malta huma limitati għall-kiri lil klijent Malti ta' (..) inġenji ta' l-ajru; AWAS m'għandhiex entitajiet jew kumpaniji sussidjarji f'Malta.

15. Skond il-parti li qiegħda tinnotifika is-suq għall-prodott rilevanti li fiha topera il-parti akkwistata f'Malta huwa s-suq tal-kiri ta' inġenji ta' l-ajru, filwaqt li is-swieq rilevanti li fihom topera il-parti li qiegħda tinnotifika f'Malta huma s-suq tar-rijassigurazzjoni u s-suq għal mezzi ta' intratteniment interattiv. Il-UKG jaqbel ma' dawn id-definizzjonijiet rispettivi tas-swieq rilevanti involuti.

Is-Suq Ġeografiku

16. Skond il-parti li qiegħda tinnotifika is-suq ġeografiku rilevanti għall-attivitajiet li twettaq il-parti akkwistata huwa d-dinja kollha, filwaqt li s-suq ġeografiku rilevanti għall-attivitajiet imwettqa f'Malta mill-parti li qiegħda tinnotifika huwa, fejn jirrigwardja r-rijassigurazzjoni, id-dinja kollha u fir-rigward ta' mezzi ta' intratteniment interattiv, mill-inqas iż-Żona Ekonomika Ewropea. Il-UKG isostni li dawn id-definizzjonijiet rispettivi tas-swieq ġeografiċii rilevanti huma ġustifikati.

Oġġezzjonijiet ta' Terzi

17. Ma' kien hemm ebda oġġezzjoni min-naħa ta' terzi.

Analiżi Sostantiva

Id-definizzjoni ta' Konċentrazzjoni

Assessment: the Relevant Market

The Product Market

13. The notifying party is a member of the Terra Firma Group, which is a private equity firm. Its investment portfolio includes business sectors such as gas transportation and distribution, waste management, drinks retail, cinemas, residential housing, interactive entertainment media for hotels, consumer goods retail and motorway services. Terra Firma's business activities in Malta are however limited to the underwriting of insurance policies covering risks in the UK that insure against equipment breakdown, theft and accidental damage of consumer durables, and to the provision of in-room interactive entertainment services to hotels in Malta; these activities are conducted by two distinct subsidiaries of Carmelite Capital Limited, an entity under the control of the Terra Firma Group.

14. The acquired party, AWAS Aviation Holdings LLC is an aircraft lessor which offers capacity aircraft solutions in the form of operating leases, finance lease and sale-leaseback transaction. It also provides third party investors with aircraft and lease management services and aviation investment advice and support. AWAS' business activities in Malta are limited to the leasing to a Maltese customer of (..) aircraft; AWAS does not have any entities or subsidiaries in Malta.

15. According to the notifying party the relevant product market in which the acquired party operates in relation to Malta is the market for the leasing of aircraft, whereas the relevant product markets in which the notifying party itself operates in relation to Malta are the market for reinsurance and the market for interactive entertainment media. The OFC concurs with these definitions of the relevant product markets involved.

The Geographic Market

16. According to the notifying party the relevant geographic market for the activities undertaken by the Acquired Party is the whole world, whereas the relevant geographic market for the activities undertaken by the notifying party in Malta is, as far as reinsurance is concerned, the whole world and as regards interactive entertainment media , at least EEA-wide. The OFC finds that the said geographic market definitions are justified.

Third Party Objections

17. There were no third party objections.

Substantive Analysis

The definition of a concentration

18. Konċentrazzjoni ai termini ta' dawn ir-Regolamenti isseħħ *inter alia* fejn intrapriża waħda jew aktar minn waħda takkwista, bix-xiri ta' titoli jew ta' assi, b'kuntratt jew b'kull mezz ieħor, kontroll dirett jew indirett ta' intrapriża jew intrapriżi sħaħ, jew ta' partijiet minnhom. Kif diġà ntqal iżjed 'il fuq Terra Firma Investments (GP) 2 Ltd. se takkwista l-kontroll sħiħ u assolut ta' AWAS Aviation Holdings LLC, intrapriża li twettaq negozju ta' xiri u bejgħ, u kif ukoll kera, ta' inġenji ta' l-ajru.

Il-Kwistjoni dwar il-preżenza o meno ta' swieq milquta f'Malta

19. Għall-finijiet ta' Sezzjoni 6 III tal-Formola NK (il-Formola ta' Notifika annessa mar-Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Konċentrazzjonijiet), swieq milquta jikkonsistu fi swieq rilevanti għall-prodotti fejn, fit-territorju ta' Malta jew f'xi parti rilevanti minnu:

a) xi żewġ jew aktar partijiet fil-konċentrazzjoni jkunu qed iwettqu attivitajiet kummerċjali fl-istess suq għall-prodott u fejn il-konċentrazzjoni tkun twassal għal sehem kombinat fis-suq ta' 15% jew aktar, jew

b) xi parti waħda jew aktar partijiet fil-konċentrazzjoni jkunu qed iwettqu attivitajiet kummerċjali f'suq għall-prodott, li jkun fil-linja 'l fuq jew fil-linja 'l isfel ta' suq għall-prodott fejn parti oħra fil-konċentrazzjoni tkun ukoll qed twettaq kummerċ, u xi wieħed mis-sehem fis-swieq individwali jew kombinat tagħhom ikun ta' 25% jew aktar, mingħajr ma jittieħed kont ta' sew jekk ikunx hemm jew ma jkunx hemm xi relazzjonijiet eżistenti ta' fornitur/klijent bejn il-partijiet fil-konċentrazzjoni.

20. F'dan il-każ, l-Uffiċċju tal-Kompetizzjoni Ġusta jikkonferma s-sottomissjoni tal-parti li qiegħda tinnotifika illi l-akkwist in kwistjoni m'huwiex se jirriżulta fi swieq milquta la b'mod oriżżontali u l-anqas b'mod vertikali. Dan għaliex il-parti li qiegħda tinnotifika hi intrapriża Ewropea li topera negozju ta' *private equity* u l-attivitajiet tagħha f'Malta huma limitati għar-rijassigurazzjoni u għall-forniment ta' mezzi ta' intratteniment interattiv, filwaqt li l-attivitajiet tal-parti akkwistata f'Malta jikkonsistu fil-kiri lil klijent Malti ta' (..) inġenji ta' l-ajru. B'hekk, għalkemm Terra Firma u AWAS it-tnejn li huma jwettqu xi attitajiet kummerċjali f'Malta, dawn il-partijiet ċertament ma joperawx fl-istess suq għall-prodott jew inkella fi swieq relatati ma' xulxin b'mod vertikali, kemm lokalment u kif ukoll madwar id-dinja. Għaldaqstant ma jistax ikun hemm "swieq milquta" f'dan il-każ stante illi l-ebda waħda mill-kondizzjonijiet ikkontemplati f'Sezzjoni 6.1 III (a) u (b) m'hi sodisfatta.

21. Barra minn hekk ma jirriżultax lill-UKG illi l-akkwist minn Terra Firma Investments (GP) 2 Ltd. ta' kontroll sħiħ u assolut ta' AWAS Aviation Holdings LLC jista' jwassal għal tnaqqis sostanzjali tal-kompetizzjoni fis-suq lokali jew f'xi parti minnu, skond ir-regolament 4(1) tar-Regolamenti msemmija.

18. A concentration within the meaning of these Regulations occurs, *inter alia*, where one or more undertakings acquires by contract or by any other means direct or indirect control of the whole or parts of one or more other undertakings, whether by purchase of securities or of assets. As mentioned above Terra Firma Investments (GP) 2 Ltd. is to acquire full and sole control of AWAS Aviation Holdings LLC, an undertaking engaged in the business of trading and leasing of aircraft.

The matter of the presence or otherwise of an affected market in Malta

19. For the purposes of Section 6III of the CN (Notification Form annexed to the Regulations on the Control of Concentrations), affected markets are relevant product markets where, in the Maltese territory or a relevant part thereof:

(a) two or more of the parties to a concentration are engaged in business activities in the same product market and where the concentration will lead to a combined market share of 15% or more, or

(b) one or more of the parties to the concentration are engaged in business activities in a product market, which is upstream or downstream of a product market in which any other party to the concentration is engaged, and any of their individual or combined market shares is 25% or more, regardless of whether there is or is not any existing supplier customer relationship between the parties to the concentration.

20. The OFC upholds the submission of the notifying party that the acquisition in question will not result in any horizontal or vertical affected markets. The notifying party is a European private equity firm whose business activities on the local market are limited to reinsurance and to the provision of interactive entertainment media, whereas the acquired party's business activities in Malta consist in the leasing to a Maltese customer of (..)aircraft. Thus, although Terra Firma and AWAS are both engaged in business activities in the territory of Malta, the parties are clearly not engaged in business activities which fall within in the same product market or within vertically-related markets, either locally or worldwide. Accordingly there cannot be any "affected markets" as neither one of the tests contemplated in Section 6.1 III (a) and (b) is satisfied.

21. Furthermore it does not result to OFC that the acquisition by Terra Firma Investments (GP) 2 Ltd. of full and sole control of AWAS Aviation Holdings LLC may substantially lessen competition on the local market or any part thereof, in terms of regulation 4(1) of the aforesaid Regulations. The OFC finds

L-UKG jikkunsidra illi, stante li l-partijiet involuti iwettqu attivitajiet kummerċjali fi swieq għall-prodotti li bl-ebda mod m'huma relatati ma' xulxin, u l-attivitajiet kummerċjali tal-partijiet m'humiex se jiġu affettwati permezz tat-transazzjoni proposta, din it-transazzjoni fil-prattika ftit li xejn se taffettwa s-suq lokali. L-UKG jinnota wkoll illi l-istruttura tas-sjieda u tal-kontroll ta' AWAS Aviation Holdings LLC – li preżentement hi sussidjarja proprjetà assoluta ta' MS Financing Inc., hi stess sussidjarja proprjetà assoluta tal-kumpanija Morgan Stanley – m'hix se tiġi affettwata materjalment permezz tat-transazzjoni proposta, barra l-fatt illi b'hekk AWAS se ssir sussidjarja proprjetà assoluta ta' Terra Firma. Fl-aħħar lok, il-UKG jinnota illi ebda waħda mill-partijiet m'għandha sehem tas-suq għal kwalunkwe prodott f'Malta li joqrob il-25%, u li l-ishma rispettivi tagħhom tas-swieq rilevati m'humiex se jiġu affettwati permezz tat-transazzjoni proposta peress illi s-swieq li joperaw fihom il-partijiet bl-ebda mod m'huma relatati ma' xulxin. Għaldaqstant l-UKG huwa sodisfatt illi l-akkwist notifikat m'huwiex se joħloq jew inkella jkabbar il-qawwa fis-suq, u konsegwentement ma jqajjimx il-premura illi l-parti li qiegħda tinnotifika tista' titqiegħed f'pożizzjoni li tippermettiha teżerċita l-qawwa fis-suq bħala konsegwenza tat-transazzjoni proposta.

Restrizzjonijiet Anċillari

22. L-Akkordju ta' Xiri dwar l-akkwist notifikat ma jimponi l-ebda restrizzjoni anċillari fuq il-partijiet.

Konklużjonijiet

In vista tar-raġunijiet suesposti u ai termini tar-regolament 6 (1) (ii) tar-Regolamenti Dwar il-Kontroll ta' Konċentrazzjonijiet, 2002 id-Direttur ta' l-Uffiċċju tal-Kompetizzjoni Ġusta għaldaqstant iddeċieda:

(1) illi għalkemm il-konċentrazzjoni taqa' fl-ambitu ta' dawn ir-Regolamenti, din il-konċentrazzjoni ma tqajjimx dubji serji dwar il-leġittimità tagħha;

(2) illi ma jopponix għal din il-konċentrazzjoni, u

(3) jiddikjara tali konċentrazzjoni waħda leġittima.

[1]It-Terra Firma Group hi komposta minn: Terra Firma Capital Investments (GP) Ltd., Terra Firma Investments (GP) Ltd. u l-parti li għamlet in-notifikazzjoni, Terra Firma Investments (GP) 2 Ltd. Dawn il-kumpaniji kollha huma proprjetà ta' TFCP Holdings Limited, kumpanija iffurmata biex iżżomm l-ishma ta' kumpaniji oħra u li ma twettaqx operazzjonijiet kummerċjali hi nnifisha.

[2] Akkordju ta' Xiri sezzjoni 11.01.

[3] Akkordju ta' Xiri sezzjoni 2.02.

MARCEL PIZZUTO
Direttur

Is-16 ta' Ġunju, 2006

that, owing to the fact that the notifying party and the acquired party operate on entirely unrelated product markets, and considering moreover that the business activities of the respective undertakings will remain unaltered following the proposed transaction, the proposed acquisition will in practice have negligible effects on the local market. The OFC furthermore notes that the structure of ownership and control of AWAS Aviation Holdings LLC – which is currently a wholly-owned subsidiary of MS Financing Inc., itself a wholly-owned subsidiary of the global financial services firm Morgan Stanley – will not be materially affected by the proposed acquisition, except for the fact that AWAS will become a wholly-owned subsidiary of Terra Firma. Finally the OFC notes that neither party has a market share of *any* product market in Malta remotely approaching 25%, and that the respective market shares of both parties will remain unaffected by the proposed transaction owing to the fact that the parties operate on entirely unrelated markets. Therefore the OFC is satisfied that the notified acquisition will not result in the creation or the strengthening of a strong market position, and consequently does not raise any concerns that the notifying party may be placed in a position that allows it to exercise market power as a result of the proposed acquisition.

Ancillary Restraints

22. The Purchase agreement relative to the notified acquisition does not impose any ancillary restraints on either of the parties.

Conclusions

For the above mentioned reasons and in terms of regulation 6 (1) (ii) of the Regulations on Control of Concentrations, 2002 the Director of the Office for Fair Competition has therefore decided:

(1) that although the concentration falls within the scope of these Regulations, the concentration does not raise serious doubts about its lawfulness;

(2) not to oppose the concentration; and

(3) declares it to be a lawful concentration

[1] The Terra Firma Group is composed of: Terra Firma Capital Investments (GP) Ltd., Terra Firma Investments (GP) Ltd. and the Notifying Party, Terra Firma Investments (GP) 2 Ltd. Each of these companies is owned by TFCP Holdings Limited, a mere holding company with no business operations.

[2] Purcahse Agreement, section 11.01.

[3] Purchase Agreement, section 2.02.

MARCEL PIZZUTO
Director

16th June, 2006

Nru. 534

ATT DWAR IL-*CONDOMINIA*
(Kap. 398)

B'DIN qed ngħarraf li jiena rċivejt applikazzjoni għar-reġistrazzjoni u/jew emendi tar-regolamenti li jirregolaw l-imsemmija *condominia*:

Nru. tal-*Condominium* *Condominium Number*	Indirizz tal-*Condominium* *Address of Condominium*	Rimarki *Remarks*	Data tar-Reġistrazzjoni *Date of Registration*
112	Fairview Court Triq Dun Ġorġ Fiteni Naxxar	Reġistrazzjoni tar-regolamenti/ *Registration of Rules*	08/06/2006

Dott. Stephanie Pappalardo
Reġistratur ta' l-Artijiet

Is-16 ta' Ġunju, 2006

No. 534

CONDOMINIUM ACT
(Cap. 398)

NOTICE is hereby given that I have received an application for the registration of and/or amendment to rules regulating the following condominia:

Dr Stephanie Pappalardo
Land Registrar

16th June, 2006

Nru. 535

ORDINANZA DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA)
(KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi fid-dati li jidhru hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-imsemmija Ordinanza kif ġej:–

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
09. 06. 06	Lm6.72c8	13c3
12. 06. 06	Lm6.72c0	13c5
13. 06. 06	Lm6.76c9	13c5
14. 06. 06	Lm6.25c3	11c7
15. 06. 06	Lm6.23c2	11c6

Is-16 ta' Ġunju, 2006

No. 535

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ORDINANCE

(CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that on the dates shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of section 12 of the said Ordinance as follows:–

16th June, 2006

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 49

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li bis-setgħat mogħtija bl-Avviż Legali 94/97, it-toroq imsemmija hawn taħt se jkunu meqjusa bħala Żoni ta' Rmonk fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

L-Imtarfa

Nhar il-Ħadd, it-18 ta' Ġunju 2006 bejn is-6.00 p.m. u d-9.00 p.m. minn Triq it-Torri ta' l-Arloġġ.

Nhar il-Ġimgħa, it-23 ta' Ġunju 2006 bejn is-6.00 p.m. u d-9.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Antonio Ellul, Philip Pullicino, Dar il-Kaptan u Sir Temi Zammit.

Vetturi li jinsabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż, jistgħu jiġu rmunkati.

Ħad-Dingli

Nhar il-Ġimgħa, it-23 ta' Ġunju 2006 bejn is-6.00 p.m. u d-9.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Misraħ Ġużè Abela, Għar Bittija, l-Irdum, il-Kbira, Ġużè Ellul Mercer, Ċensa Spiteri u l-Parroċċa.

Vetturi li jinsabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż, jistgħu jiġu rmunkati.

Ir-Rabat - Malta

Nhar il-Ħamis, id-29 ta' Ġunju 2006 bejn il-5.00 p.m. u l-10.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: Pjazza Saqqajja, Pjazza L'Isle Adam, Santu Wistin, San Ġużepp u San Pawl.

Vetturi li jinsabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż, jistgħu jiġu rmunkati.

Is-16 ta' Ġunju, 2006

POLICE NOTICE

No. 49

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of legal notice 94/97, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated on the dates and times hereunder.

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the dates and times indicated.

Mtarfa

On Sunday, 18th June 2006 between 6.00 p.m. and 9.00 p.m. through Triq it-Torri ta' l-Arloġġ.

On Friday, 23rd June 2006 between 6.00 p.m. and 9.00 p.m. through the following streets: Antonio Ellul, Philip Pullicino, Dar il-Kaptan and Sir Temi Zammit.

Vehicles found in contravention of this notice are liable to be towed.

Dingli

On Friday, 23rd June 2006 between 6.00 p.m. and 9.00 p.m. through the following streets: Misraħ Ġużè Abela, Għar Bittija, l-Irdum, il-Kbira, Ġużè Ellul Mercer, Ċensa Spiteri and il-Parroċċa.

Vehicles found in contravention of this notice are liable to be towed.

Rabat - Malta

On Thursday, 29th June 2006 between 5.00 p.m. and 10.30 p.m. through the following streets: Pjazza Saqqajja, Pjazza L'Isle Adam, Santu Wistin, San Ġużepp and San Pawl.

Vehicles found in contravention of this notice are liable to be towed.

16th June, 2006

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 50

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jipparkjaw mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-datiu l-ħinijiet indikati.

Is-Siġġiewi

Nhar is-Sibt, is-17 ta' Ġunju 2006 mis-7.00 p.m. 'il quddiem minn Pjazza San Nikola.

Nhar il-Ħadd, it-18 ta' Ġunju 2006 mis-6.00 p.m. 'il quddiem minn Pjazza San Nikola.

Nhar it-Tnejn, id-19 ta' Ġunju 2006 mis-6.00 p.m. 'il quddiem minn Pjazza San Nikola.

Nhar il-Erbgħa, il-21 ta' Ġunju 2006 mis-6.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: il-Qrendi, Ta' Kirċippu, in-Nirien, K. Vassallo, Salvu Curso, Hompesch, Mons. M. Azzopardi, il-Għid, Santa Margerita, Ramija, iż-Żabbarija, P. Mallia, il-Qiegħa, San Nikola u Pjazza San Nikola.

Nhar il-Ħamis, it-22 ta' Ġunju 2006 mis-6.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: il-Qrendi, Santa Margerita, San Nikola u Pjazza San Nikola.

Nhar il-Ġimgħa, it-23 ta' Ġunju 2006 mis-6.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Pjazza San Nikola, il-Kbira, San Nikola, Ta' Brija, Santa Margerita, Misraħ San Ġwann, il-Parroċċa, San Ġwann, Mons. Mikiel Azzopardi, il-Ħsad, il-Muża, Ferdinand Hompesch, il-Għid, Ramija, is-Siġġiewi, il-Knisja l-Qadima, Lapsi, ir-Rebbiegħa, il-Fawwara, id-Demnuq, l-Imwieġel, is-6 ta' Diċembru, Patri Delia, L. Gafà, N. Pisani, San Ġakbu, il-Mitħna, Blat il-Qamar, Dott. N. Zammit, Ħal Niklusi u l-Qrendi.

Nhar is-Sibt, l-24 ta' Ġunju 2006 mis-6.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Santa Margerita, San Nikola, Pjazza San Nikola, Ġużeppi Aquilina, il-Vittmi tal-Gwerra u l-Qajjied.

Nhar il-Ħadd, il-25 ta' Ġunju 2006 mit-8.00 a.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: San Nikola, Pjazza San Nikola, il-Kbira u Santa Margerita.

Nhar il-Ħadd, il-25 ta' Ġunju 2006 mill-5.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Santa Margerita, San Nikola, Pjazza San Nikola, il-Mitħna, il-Parroċċa u l-Qrendi.

Vetturi li jinsabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż, jistgħu jiġu rmunkati.

POLICE NOTICE

No. 50

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended on the dates and times indicated.

Siġġiewi

On Saturday, 17th June 2006 from 7.00 p.m. onwards through Pjazza San Nikola.

On Sunday, 18th June 2006 from 6.00 p.m. onwards through Pjazza San Nikola.

On Monday, 19th June 2006 from 6.00 p.m. onwards through Pjazza San Nikola.

On Wednesday, 21st June 2006 from 6.00 p.m. onwards through the following streets: il-Qrendi, Ta' Kirċippu, in-Nirien, K. Vassallo, Salvu Curso, Hompesch, Mons. M. Azzopardi, il-Għid, Santa Margerita, Ramija, iż-Żabbarija, P. Mallia, il-Qiegħa, San Nikola and Pjazza San Nikola.

On Thursday, 22nd June 2006 from 6.00 p.m. onwards through the following streets: il-Qrendi, Santa Margerita, San Nikola and Pjazza San Nikola.

On Friday, 23rd June 2006 from 6.00 p.m. onwards through the following streets: Pjazza San Nikola, il-Kbira, San Nikola, Ta' Brija, Santa Margerita, Misraħ San Ġwann, il-Parroċċa, San Ġwann, Mons. Mikiel Azzopardi, il-Ħsad, il-Muża, Ferdinand Hompesch, il-Għid, Ramija, is-Siġġiewi, il-Knisja l-Qadima, Lapsi, ir-Rebbiegħa, il-Fawwara, id-Demnuq, l-Imwieġel, is-6 ta' Diċembru, Patri Delia, L. Gafà, N. Pisani, San Ġakbu, il-Mitħna, Blat il-Qamar, Dott. N. Zammit, Ħal Niklusi and il-Qrendi.

On Saturday, 24th June 2006 from 6.00 p.m. onwards through the following streets: Santa Margerita, San Nikola, Pjazza San Nikola, Ġużeppi Aquilina, il-Vittmi tal-Gwerra and il-Qajjied.

On Sunday, 25th June 2006 from 8.00 a.m. onwards through the following streets: San Nikola, Pjazza San Nikola, il-Kbira and Santa Margerita.

On Sunday, 25th June 2006 from 5.00 p.m. onwards through the following streets: Santa Margerita, San Nikola, Pjazza San Nikola, il-Mitħna, il-Parroċċa and il-Qrendi.

Vehicles found in contravention of this notice are liable to be towed.

Iż-Żurrieq

Nhar l-Erbgħa, it-12 ta' Lulju 2006 u nhar il-Ħamis, it-13 ta' Lulju 2006, mit-8.00 p.m. sa nofsillejl minn Misraħ ir-Repubblika.

Nhar il-Ġimgħa, l-14 ta' Lulju 2006 mis-7.30 p.m. sal-11.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: Misraħ ir-Repubblika, San Mikiel, Giovanni Inglott, Filippu Farrugia, Vjal l-Indipendenza, San Ġorġ u l-Kbira.

Nhar is-Sibt, il-15 ta' Lulju 2006 mis-7.30 p.m. sal-11.30 p.m. minn Misraħ ir-Repubblika.

Nhar il-Ħadd, is-16 ta' Lulju 2006 mid-9.00 a.m. sas-1.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Misraħ ir-Repubblika, il-Kbira, Santa Katerina, iċ-Ċombini, il-Ħaddiema, Misraħ Mattia Preti u P.P. Saydon.

Nhar it-Tnejn, is-17 ta' Lulju 2006 mit-7.45 p.m. sal-11.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: Misraħ ir-Repubblika, P.P. Saydon, Misraħ Mattia Preti, il-Ħaddiema, San Pietru, il-Warda, il-Wied, Karmnu Zammit, Wied Babu, il-Kanġu, Vjal Blue Grotto, il-Qroll, l-Inġiniera, iċ-Ċombini u l-Kbira.

Nhar it-Tlieta, it-18 ta' Lulju 2006 mit-7.45 p.m. sal-11.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: P.P. Saydon, il-Ħaddiema, Santa Katerina, l-Imqabba, Mons. P.P. Pullicino, il-Qrendi, iċ-Ċombini, l-Inġiniera, il-Kbira u Misraħ ir-Repubblika.

Nhar il-Erbgħa, id-19 ta' Lulju 2006 mit-7.45 p.m. sal-11.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: P.P. Saydon u Misraħ ir-Repubblika.

Nhar il-Ħamis, l-20 ta' Lulju 2006 mit-7.45 p.m. sal-11.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: Santa Katerina, Vjal Blue Grotto, Rev. G. Zammit, il-Ħaddiema, iċ-Ċombini, l-Inġiniera, il-Kbira u Misraħ ir-Repubblika.

Nhar il-Ġimgħa, il-21 ta' Lulju 2006 mit-8.00 p.m. sa nofsillejl mit-toroq li ġejjin: Gio. Batta, Saydon, Rev. G. Farrugia, Misraħ il-Karmelitani, San Ġorġ, il-Kbira, San Leopoldo, il-Ħaddiema, Misraħ Mattia Preti, P.P. Saydon u Misraħ ir-Repubblika.

Nhar is-Sibt, it-22 ta' Lulju 2006 mis-7.30 p.m. sas-1.00 a.m. mit-toroq li ġejjin: Ħal Millieri, Tal-Kmand, Seraphim Zarb, Vjal il-Blue Grotto, Santa Katerina, il-Ħaddiema, P.P. Saydon, Misraħ Mattia Preti u Misraħ ir-Repubblika.

Nhar il-Ħadd, it-23 ta' Lulju 2006 mill-10.00 a.m. sa nofsillejl mit-toroq li ġejjin: Misraħ ir-Repubblika, il-Karmnu, il-Pietà, San Bartolomew, Misraħ Mattia Preti, il-Ħaddiema, il-Warda, il-Wied, Ferd. Falzon, Xandru D'Amato, il-Mitħna, il-Kurva, il-Kunċizzjoni, San Ġorġ, il-Kbira, G.M. Callus, il-

Żurrieq

On Wednesday, 12th July 2006 and Thursday, 13th July 2006, from 8.00 p.m. to midnight through Misraħ ir-Repubblika.

On Friday, 14th July 2006 from 7.30 p.m. to 11.30 p.m. through the following streets: Misraħ ir-Repubblika, San Mikiel, Giovanni Inglott, Filippu Farrugia, Vjal l-Indipendenza, San Ġorġ and il-Kbira.

On Saturday, 15th July 2006, from 7.30 p.m. to 11.30 p.m. through Misraħ ir-Repubblika.

On Sunday, 16th July 2006 from 9.00 a.m. to 1.00 p.m. through the following streets: Misraħ ir-Repubblika, il-Kbira, Santa Katerina, iċ-Ċombini, il-Ħaddiema, Misraħ Mattia Preti and P.P. Saydon.

On Monday, 17th July 2006 from 7.45 p.m. to 11.30 p.m. through the following streets: Misraħ ir-Repubblika, P.P. Saydon, Misraħ Mattia Preti, il-Ħaddiema, San Pietru, il-Warda, il-Wied, Karmnu Zammit, Wied Babu, il-Kanġu, Vjal Blue Grotto, il-Qroll, l-Inġiniera, iċ-Ċombini and il-Kbira.

On Tuesday, 18th July 2006 from 7.45 p.m. to 11.30 p.m. through the following streets: P.P. Saydon, il-Ħaddiema, Santa Katerina, l-Imqabba, Mons. P.P. Pullicino, il-Qrendi, iċ-Ċombini, l-Inġiniera, il-Kbira and Misraħ ir-Repubblika.

On Wednesday, 19th July 2006 from 7.45 p.m. to 11.30 p.m. through the following streets: P.P. Saydon and Misraħ ir-Repubblika.

On Thursday, 20th July 2006 from 7.45 p.m. to 11.30 p.m. through the following streets: Santa Katerina, Vjal Blue Grotto, Rev. G. Zammit, il-Ħaddiema, iċ-Ċombini, l-Inġiniera, il-Kbira and Misraħ ir-Repubblika.

On Friday, 21st July 2006 from 8.00 p.m. to midnight through the following streets: Gio. Batta, Saydon, Rev. G. Farrugia, Misraħ il-Karmelitani, San Ġorġ, il-Kbira, San Leopoldo, il-Ħaddiema, Misraħ Mattia Preti, P.P. Saydon and Misraħ ir-Repubblika.

On Saturday, 22nd July 2006 from 7.30 p.m. to 1.00 a.m. through the following streets: Ħal Millieri, Tal-Kmand, Seraphim Zarb, Vjal il-Blue Grotto, Santa Katerina, il-Ħaddiema, P.P. Saydon, Misraħ Mattia Preti and Misraħ ir-Repubblika.

On Sunday, 23rd July 2006 from 10.00 a.m. to midnight through the following streets: Misraħ ir-Repubblika, il-Karmnu, il-Pietà, San Bartolomew, Misraħ Mattia Preti, il-Ħaddiema, il-Warda, il-Wied, Ferd. Falzon, Xandru D'Amato, il-Mitħna, il-Kurva, il-Kunċizzjoni, San Ġorġ, il-Kbira, G.M.

Kappillan G. Inglott, San Mikiel, P.P. Saydon, Rev. G. Zammit u San Bartolomew.

Vetturi li jinsabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż, jistgħu jiġu rmunkati.

Ħal Balzan

Nhar is-Sibt, it-8 ta' Lulju 2006, mill-4.00 p.m. sas-6.30 p.m., mit-toroq li ġejjin: Pjazza ta' Ħal Balzan, it-Tlett Iknejjes, l-Idmejda, San Valentinu u l-Kbira.

Nhar il-Ħadd, id-9 ta' Lulju 2006, mill-5.00 p.m. sal-11.00 p.m., mit-toroq li ġejjin: il-Kbira, it-Tlett Iknejjes, il-Providenza, l-Idmejda, Sisner, San Valentino u Santa Marija.

Vetturi pparkjati fit-toroq imsemmija hawn fuq fil-ħinijiet u d-dati msemmija huwa pprojbit u għalhekk jiġu rmunkati.

Is-16 ta' Ġunju, 2006

Callus, il-Kappillan G. Inglott, San Mikiel, P.P. Saydon, Rev. G. Zammit and San Bartolomew.

Vehicles found in contravention of this notice are liable to be towed.

Balzan

On Saturday, 8th July 2006 from 4.00 p.m. till 6.30 p.m. through the following streets: Pjazza ta' Ħal Balzan, it-Tlett Iknejjes, l-Idmejda, San Valentinu and il-Kbira.

On Sunday, 9th July 2006 from 500 p.m. till 11.00 p.m. through the following streets: il-Kbira, it-Tlett Knejjes, il-Providenza, l-Idmejda, Sisner, San Valentino and Santa Marija.

The parking of vehicles along the abovementioned streets is also prohibited and vehicles found parked there will be towed away.

16th June, 2006

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 51

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li bis-setgħat mogħtija bl-Avviż Legali 101/97, it-toroq imsemmija hawn taħt se jkunu meqjusa bħala Żoni ta' Rmonk kif indikat.

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Pembroke

Nhar it-Tnejn, l-10 ta' Lulju 2006 mit-8.00 a.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Patri Serafin Zarb, Dun Ġużepp Farrugia, (*Luxol ex Parade Ground*) u l-inħawi ta' madwar.

Il-Ħamrun

Nhar il-Ħamis, id-29 ta' Ġunju 2006 bejn is-6.00 p.m. u s-1.00 a.m. mit-toroq li ġejjin: is-Snajja', Villambrosa, Mons. De Piro, W. Mallia, il-Kappillan Valletta, il-Kappillan Mifsud, Kan. Bonnici, Barth, Vincenzo Bugeja, l-Annunzjata, G. Pace, El Dorado, G.M. Camilleri u l-Kappillan Muscat.

Nhar il-Ġimgħa, it-30 ta' Ġunju 2006 bejn is-6.00 p.m. u s-1.00 a.m. mit-toroq li ġejjin: Danny Cremona, Mimosa, J. Sciberras, Alexander, Nuzzo, id-Duluri, il-Ferrovija, Maitland, Dun Edgar Vella, Vitale, il-Kunċizzjoni, il-Fatati, il-Kappillan Muscat, Vincenzo Bugeja, Villambrosa, Mons. De Piro u l-Kappillan Mifsud.

POLICE NOTICE

No. 51

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of legal notice 101/97, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated.

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

Pembroke

On Monday, 10th July, 2006, from 8.00 a.m. onwards through the following streets: Patri Serafin Zarb, Dun Ġużepp Farrugia, (Luxol ex Parade Ground) and the surrounding area.

Ħamrun

On Thursday, 29th June 2006 between 6.00 p.m. and 1.00 a.m. through the following streets: is-Snajja', Villambrosa, Mons. De Piro, W. Mallia, il-Kappillan Valletta, il-Kappillan Mifsud, Kan. Bonnici, Barth, Vincenzo Bugeja, l-Annunzjata, G. Pace, El Dorado, G.M. Camilleri and il-Kappillan Muscat.

On Friday, 30th June 2006 between 6.00 p.m. and 1.00 a.m. through the following streets: Danny Cremona, Mimosa, J. Sciberras, Alexander, Nuzzo, id-Duluri, il-Ferrovija, Maitland, Dun Edgar Vella, Vitale, il-Kunċizzjoni, il-Fatati, il-Kappillan Muscat, Vincenzo Bugeja, Villambrosa, Mons. De Piro and il-Kappillan Mifsud.

Nhar is-Sibt, l-1 ta' Lulju 2006 bejn is-6.00 p.m. u s-2.00 a.m. mit-toroq li ġejjin: Manwel Magri, Mimosa, l-Ursulini, l-Isptar, il-Qrejten, W. Mallia, Mons. De Piro u l-Kappillan Mifsud.

Nhar il-Ħadd, it-2 ta' Lulju 2006 bejn it-8.00 a.m. u l-4.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: il-Kappillan Mifsud, Manuel Magri, il-Kunċizzjoni, Indri Cilia, id-Duluri, il-Fatati, il-Kapillan Muscat, Ġużè Maria Camilleri, Villambrosa, Lord Byron, Barth, Ġużè Pace u Manuel Magri.

Nhar il-Ħadd, it-2 ta' Lulju 2006 bejn il-5.00 p.m. u s-2.00 a.m. mit-toroq li ġejjin: Manuel Magri, il-Kunċizzjoni, P. Burlò, id-Duluri, il-Fatati, il-Kappillan Muscat, Vincenzo Bugeja, Adelaide Cini, Lord Byron, Villambrosa, Mons. De Piro u l-Kappillan Mifsud.

Vetturi li jinsabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż, jistgħu jiġu rmunkati.

Is-16 ta' Ġunju, 2006

On Saturday, 1st July 2006 between 6.00 p.m. and 2.00 a.m. through the following streets: Manwel Magri, Mimosa, l-Ursulini, l-Isptar, il-Qrejten, W. Mallia, Mons. De Piro and il-Kappillan Mifsud.

On Sunday, 2nd July 2006 between 8.00 a.m. and 4.00 p.m. through the following streets: il-Kappillan Mifsud, Manuel Magri, il-Kunċizzjoni, Indri Cilia, id-Duluri, il-Fatati, il-Kapillan Muscat, Ġużè Maria Camilleri, Villambrosa, Lord Byron, Barth, Ġużè Pace and Manuel Magri.

On Sunday, 2nd July 2006 between 5.00 p.m. and 2.00 a.m. through the following streets: Manuel Magri, il-Kunċizzjoni, P. Burlò, id-Duluri, il-Fatati, il-Kappillan Muscat, Vincenzo Bugeja, Adelaide Cini, Lord Byron, Villambrosa, Mons. De Piro and il-Kappillan Mifsud.

Vehicles found in contravention of this notice are liable to be towed.

16th June, 2006

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Post ta' *Consultant Paediatrician with an Interest in Neurology and Neurodisability* fid-Diviżjoni tas-Saħħa fil-Ministeru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet mingħand *medical practitioners* bi kwalifiki adatti u b'esperjenza għall-post ta' *Consultant Paediatrician with an interest in Neurology, Neurodisability and Epilepsy* fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

2. Il-post ta' *Consultant Paediatrician* għandu salarju ta' Lm10,503 fis-sena.

3.1. Il-ħatra li tkun bi prova għal sena, hija fuq bażi *full-time* u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, u fid-Diviżjoni tas-Saħħa. Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

3.2. Il-persuna nominata tkun soġġetta għal gimgħa ta' 40 siegħa u wara tkun tista' tissejjaħ fuq bażi ta' *roster*.

3.3. Il-ħinijiet tax-xogħol tal-persuna nominata mhux bilfors ikunu limitati għal dmirijiet ta' fil-għodu, imma skond l-esiġenzi tas-servizz, sessjonijiet ta' wara nofsinhar, magħduda s-sessjonijiet ta' l-*outpatients,* jistgħu jsiru skond l-arranġamenti approvati mid-Diviżjoni tas-Saħħa.

3.4. Il-persuna nominata tkun intitolata għall-benefiċċji l-oħra u tkun soġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi li jkunu

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Post of Consultant Paediatrician with an Interest in Neurology and Neurodisability in the Health Division within the Ministry of Health, the Elderly and Community Care

The Public Service Commission invites applications from suitably qualified and experienced medical practitioners for the post of Consultant Paediatrician with an interest in Neurology, Neurodisability and Epilepsy in the Health Division.

2. The post of Consultant Paediatrician carries a salary of Lm10,503 per annum.

3.1 The appointment which is subject to a probationary period of one year, is on a full-time basis and is subject to any rules governing from time to time the Malta Public Service and the Health Division. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

3.2. The appointee will be conditioned to a 40-hour- week and may be on call thereafter on a roster basis.

3.3. The working hours of the appointee shall not necessarily be limited to morning duties but, in accordance with the exigencies of the service, afternoon sessions including outpatient sessions, may have to be carried out as per arrangements approved by the Health Division.

3.4 The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may

mniżżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti li japplika bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

4. Il-persuna nominata titħalla teżerċita l-professjoni tagħha privatament kemm-il darba:

(a) dan isir strettament barra mill-ħinijiet uffiċjali tax-xogħol tagħha; u

(b) dan ma jfixkilx jew ma jmurx kontra d-dmirijiet uffiċjali tagħha jew l-esiġenzi tas-servizz.

5.1. Il-persuna fil-grad ta' *Consultant Paediatrician with an interest in Neurology and Neurodisability* tifforma parti mid-Dipartiment tal-Pedjatrija u taqa' taħt iċ-*Chairman* tad-Dipartiment tal-Pedjatrija. Hi tkun meħtieġa li tieħu sehem fl-attivitajiet u fil-programm tat-tagħlim tad-Dipartiment tal-Pedjatrija.

5.2. Il-persuna nominata tkun responsabbli għall-assigurazzjoni ta' livell għoli ta' kura lit-tfal bi problemi newroloġiċi inkluż *neurodisability* u *seizure disorders,* għat-twaqqif u r-reviżjoni tar-regolamenti għall-immaniġġjar ta' l-istess mard, kif ukoll għat-taħriġ ta' ħaddiema mediċi u paramediċi f'dan il-qasam ta' pedjatrija. Il-persuna nominata tkun trid iżżomm ruħha aġġornata fl-iżviluppi ġodda f'din is-*subspeciality* u tkun responsabbli għall-introduzzjoni tagħhom fid-Dipartiment.

5.3. Il-persuna nominata tkun responsabbli li tassigura l-implimentazzjoni ta' taħriġ kontinwu u programm edukattiv għall-impjegati li jikkuraw il-pazjenti taħt il-kariga tagħha.

5.4. Il-persuna nominata trid tieħu sehem fit-tagħlim u taħriġ ta' studenti ta' qabel u ta' wara l-gradwazzjoni kif meħtieġ u li tinvolvi ruħha fi programmi kontinwi ta' riċerka.

5.5. Id-dmirijiet kliniċi tal-persuna nominata jinkludu l-kura ta' tfal li jinħtieġu l-immaniġġjar newroloġiku flimkien maċ-*Chairman* tad-Dipartiment. Hi jkollha risponsabbilà ewlenija li torganizza, tiżviluppa u tikkoordina servizzi fl-isptar u fil-komunità għat-tfal b'mard kroniku newroloġiku, b'*neurodisability* u b'epilessija. Hi tkun ukoll risponsabbli direttament għall-pazjenti tagħha bi problemi newroloġiċi u bi problemi relatati li jinħtieġu li jidħlu l-isptar. Il-post jista' jinvolvi wkoll xogħol kliniku fl-immaniġġjar ta' tfal b'mard ieħor minbarra newroloġiku skond l-esiġenzi tad-Dipartiment tal-Pedjatrija u skond ix-xogħol kliniku li jkollhom il-*Consultants* l-oħra fid-Dipartiment.

5.6. Il-persuna nominata, minbarra l-pazjenti newroloġiċi tagħha, tkun trid tagħti wkoll parir dwar tfal b'kundizzjonijiet newroloġiċi taħt il-kura ta' konsulenti pedjatriċi oħra kollegi tagħha.

be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

4. The appointee will be allowed to undertake private practice of his/her profession provided that:

(a) it is carried out strictly outside his/her official hours of work; and

(b) it does not interfere or conflict with his/her official duties or with the exigencies of the service.

5.1. The Consultant Paediatrician with an interest in Neurology, Neurodisability and Epilepsy will form part of the Department of Paediatrics and will be directly accountable to the Chairman of Paediatrics. He/She will be expected to take part in the activities of the Department of Paediatrics and to participate in its teaching programme.

5.2. The appointee will be responsible to ensure a high standard of care of children with neurological problems including neurodisability and seizure disorders, establish and update guidelines for their management, and ensure training of medical and paramedical staff in this area of Paediatrics. The appointee will be required to keep abreast of new developments in this subspecialty and will be responsible for introducing these in the Department.

5.3. The appointee shall be responsible to ensure the implementation of an ongoing/continuing training and education programme in respect of the staff caring for patients under his/her charge.

5.4. The appointee will be required to participate in any teaching or training programme for undergraduates and postgraduates as required and to involve himself/herself in on-going research programmes.

5.5. The clinical duties of the appointee will include the care of children requiring neurological management in conjunction with the Chairman of the Department. He/she will have primary responsibilities for organizing, developing and coordinating services for children with chronic neurological conditions, neurodisability and epilepsy in the hospital and community setting. He/She will also have direct responsibilities for his/her patients with neurological and related problems who require in-patient hospital admission. The post may also involve clinical duties in the management of children with general paediatric conditions other than neurological problems, according to the exigencies of the Department of Paediatrics and existing clinical commitments of the other consultant grade staff within the Department.

5.6. In addition to his/her own neurological patients, the appointee will also provide an advisory service for children with neurological conditions under the care of other paediatric consultant colleagues.

5.7. Il-persuna nominata, flimkien maċ-*Chairman* tad-Dipartiment u konsulenti oħra, tkun risponsabbli wkoll għall-koordinazzjoni tal-kura tat-tfal bi bżonnijiet speċjali, epilessija, diżordnijiet newroloġiċi u *neurodevelopmental disorders* fil-komunità. Hi tkun meħtieġa li taħdem id f'id ma' kollegi fiċ-*Child Development and Assessment Unit (CDAU)* biex trawwem irbit b'saħħtu bejn is-servizzi għat-tfal fil-komunità u fl-isptar.

5.8. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li taħdem id f'id mad-Dipartiment tal-Kura Primarja rigward programmi kontinwi dwar *Child Health,* inkluż proposti għal *Child Health Surveillance Unit*.

5.9. Il-persuna nominata tkun trid twaqqaf *adolescent follow-up clinic* biex tassigura transazzjoni bla tfixkil ta' pazjenti b'kundizzjonijiet newroloġiċi u kundizzjonijiet relatati għall-kura minn tobba li jieħdu ħsieb pazjenti adulti.

5.10. Il-persuna nominata tista' tkun meħtieġa li tagħmel regolarment sessjonijiet speċjalizzati fiċ-Ċentri tas-Saħħa skond programmi approvati dwar kura fil-komunità u tista' tkun meħtieġa li tagħti servizz f'xi estensjoni futura oħra ta' servizz tas-saħħa kif provdut taħt Skema Nazzjonali komprensiva tas-Saħħa.

5.11. Il-persuna nominata tkun trid taħdem id f'id mal-professjonisti relevanti u awtoritajiet tas-saħħa li għandhom x'jaqsmu mal-kura ta' tfal b'*neurodisabilities* u bi bżonnijiet speċjali, u tkun meħtieġa li trawwem relazzjonijiet b'saħħithom ma' l-i*School Medical Service,* Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni, id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, id-Dipartiment tal-Kura Primarja u l-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità kif ukoll ma' għaqdiet oħra relatati, NGO's u għaqdiet ta' għajnuna volontarja.

5.12. Il-persuna nominata trid tagħti kontribut biex tistabbilixxi mekkaniżmu xieraq biex tassigura kwalità fis-servizz u ta' verifika medika.

5.13. Il-persuna nominata tkun trid tagħmel użu mis-sistemi tat-Teknologija ta' l-Informatika li jkunu qed jintużaw fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

6. L-applikanti għandhom:

a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta;

JEW

(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

JEW

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu

5.7. In conjunction with the Chairman of the Department and other consultants, the appointee shall also be responsible for the co-ordination of care of children with special needs, epilepsy, neurological and neurodevelopmental disorders in the community. He/she will be expected to work very closely with colleagues in the Child Development and Assessment Unit (CDAU) to foster strong links between the community and hospital paediatric services.

5.8. The appointee will be expected to liaise closely with the Department of Primary Care with regard to on-going programmes involving Child Health, including proposals for a Child Health Surveillance Unit.

5.9. The appointee will be required to set up an adolescent follow-up clinic to ensure the smooth transition of patients with neurological and related conditions, to the care of physicians who manage adult patients.

5.10. The appointee may be required to hold regular specialised clinics in the Health Centres in accordance with approved community care programmes and may also be required to provide service in any furture extension of health services as provided under a comprehensive National Health Scheme.

5.11. The appointee will be required to liaise closely with the relevant health professionals and authorities involved in the care of children with neurodisabilities and special needs, and will be expected to foster strong links with the School Medical Service, Education Division, the Social Security Department, Department of Primary Care and National Commission for Persons with a Disability, as well as other related associations, NGOs and voluntary support groups.

5.12. The appointee will contribute to the establishment of appropriate mechanisms to ensure quality of service and medical audit.

5.13. The appointee will be required to make use of the Information Technology systems which may be in operation within the Health Division.

6. Applicants must:

a) (i) be citizens of Malta;

OR

(ii) citizens of another European Union Member State;

OR

(iii) citizens of other countries to which the European Union provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty, the Ministry of Foreign Affairs is to be

jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE);

JEW

(iv) il-konjugi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates,* Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija soġġetta għall-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u bil-Lingwa Ingliża;

ċ) ikollhom Liċenza biex jipprattikaw il-Professjoni Medika f'Malta;

d) ikollhom :

JEW

(i) evidenza ta' eliġibilità ta' reġistrazzjoni bħala *Specialist* fil-Pedjatrija fl-Unjoni Ewropea;

JEW

(ii) kwalifika ogħla ta' wara l-gradwazzjoni fil-Pedjatrija (e.g. MRCPCH jew kwalifika oħra komparabbli xierqa) u sentejn esperjenza fil-grad ta' *Senior Registrar* fis-Servizz Pubbliku ta' Malta;

JEW

(iii) kwalifika ogħla ta' wara l-gradwazzjoni fil-Pedjatrija (e.g. MRCPCH jew kwalifika adatta komparabbli) u ħames snin ta' esperjenza fl-ispeċjalità wara li jkunu ġabu l-imsemmija kwalifika ogħla ta' wara l-gradwazzjoni.

e) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form (GP 47),* filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' l-għeluq ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati mal-Gvern ta' Malta, u jagħtu d-dettalji).

7.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil

consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

OR

(iv) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry for Justice and Home Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

b) have the ability to communicate in the Maltese and English languages;

c) be in possession of a Licence to practise the Medical Profession in Malta;

d) be in possession of:

EITHER

(i) evidence of eligibility for Specialist registration in Paediatrics in the European Union;

OR

(ii) a higher postgraduate qualification in Paediatrics (e.g. MRCPCH or other appropriate comparable qualification), and two years experience in the grade of Senior Registrar in the Malta Public Service;

OR

(iii) a higher postgraduate qualification in Paediatrics (e.g. MRCPCH or an approved appropriate comparable qualification), and five years experience in the speciality following the attainment of the said higher postgraduate qualification;

e) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Form (GP47); those applying from outside the Malta Public Service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority not earlier than six (6) months from the date of this call for application and state whether they have ever been in the Malta Government Service, giving details;

7.1. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable

raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Dizabilita'), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbilità għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil minnaħa tal-Management and Personnel Office u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

7.2. Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/ tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbilità u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Diviżjoni tas-Saħħa u tkun ikkupjata lill-KNPD.

8.1. Il-kwalifiki u l-esperjenza li persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

8.2. Hija r-responabbiltà ta' applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/ Istituzzjonijiet terzjarji, li juru rapport ta' evalwazzjoni dwar il-komparabilità ta' kwalifiki maħruġ mill-Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impjieg. Kopja ta' din l-evalwazzjoni tal-MQRIC jew l-awtorità nominata f'każ ta' ħruġ ta' *warrants*, trid tintbagħat ma' l-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx dan ir-rapport, ikunu jistgħu japplikaw iżda jridu jibagħtu kopja tar-rapport lid-dipartiment riċeventi kif ikun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, aktar tard minn xahar mid-data ta' l-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet;

9.1. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-post.

9.2. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tar-riżultat.

10. Il-persuna magħżula tkun trid toqgħod għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li hija adatta għal dan il-post.

11. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment
jew jinkisbu mid-Diviżjoni tas-Saħħa, Taqsima ta' l-Impjegati, 6, Sqaq Harper, Floriana.

accomodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act (Cap. 413), even if they do not satisfy in full, the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

7.2. Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Health Division and copied to the NCPD.

8.1. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications; originals to be produced for verification at the interview).

8.2. It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign Universities/tertiary education institutions, to produce an evaluation report on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Youth and Employment. A copy of the said report issued by the MQRIC, or the designated authority in case of warrants, should be attached to the application, with the original presented at the interview. Candidates not in possession of this report may still apply, provided that they submit a copy of the report to the receiving department as soon as it becomes available and in any case by not later than one month from the closing date of the call for applications;

9.1. Eligible applicants will be interviewed by a selection board to assess their suitability for the post.

9.2. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of the result.

10. The applicant selected for appointment will be medically examined to ascertain that he/she is fit for the post.

11. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.ht#memployment
or obtained from the Health Division, Personnel Section, 6 Harper Lane, Floriana, Malta.

12. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* u l-ismijiet ta' żewġ *referees* jintlaqgħu primarjament mid-Direttur Ġenerali, Diviżjoni tas-Saħħa, 15, Triq il-Merkanti, Valletta, sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, 14 ta' Lulju, 2006.

13. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, 14 ta' Lulju, 2006 jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant/a trid tasal għand id-Diviżjoni mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tad-Diviżjoni riċeventi hu +356-21242884.

14. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Diviżjoni. Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Diviżjoni tas-Saħħa tibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

Is-16 ta' Ġunju, 2006

MINISTERU TA' L-EDUKAZZJONI,
ŻGĦAŻAGĦ U IMPIEG

**Ingaġġ ta' *Casual Cleaners*
fid-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni**

Id-Direttur Ġenerali (Edukazzjoni) jgħarraf li jilqa' applikazzjonijiet mingħand persuni li jixtiequ li jitqiegħdu fuq lista uffiċjali ta' kandidati biex skond il-ħtieġa u l-bżonn jiġu kkunsidrati għall-impieg bħala *Cleaners* fuq bażi *Casual* f'din l-Iskola ta' l-Istat:

Kan. P. Pullicino Skola Sekondarja tal-Bniet, Triq Ferris, ir-Rabat.

2. L-ordni tal-mertu, tinħoloq wara li l-applikanti eliġibbli jiġu intervistati, biex jiġi stabbilit dwar kemm huma adatti għall-post ta' *Casual Cleaners*.

3. Ir-riżultat u l-ordni tal-mertu finali jibqa' validu għal perijodu ta' sentejn mid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu.

4. Kull ingaġġ ikun ta' natura għal kollox temporanja u jista' jiġi mitmum mill-Gvern jew mill-*Casual Cleaner* f'kull żmien billi jingħata avviż bil-miktub ġimgħa qabel, bla ħtieġa li tingħata r-raġuni. L-ingaġġ ikun terminat xorta waħda għall-matul il-vaganzi ta' l-iskola tas-sajf jew inkella matul parti minnu.

5. Il-kandidati li jintgħażlu jkunu normalment mistennija li jaħdmu minn tnejn sa tliet sigħat kuljum wara l-ħin ta' l-

12. The prescribed application forms together with a curriculum vitae and the names of two referees will be received in the first instance by the Director General at the Health Division, 15, Triq il-Merkanti, Valletta, by not later than noon of Friday, 14th July, 2006.

13. Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon of Friday, 14th July, 2006 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant, must reach the Division by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the receiving Division is +356 21242884.

14. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Division and a receipt given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Division within seven days.

16th June, 2006

MINISTRY OF EDUCATION,
YOUTH AND EMPLOYMENT

**Engagement of Casual Cleaners in the
Education Division**

The Director General Education Division notifies that applications are being accepted from interested persons who would like to be placed on an order of merit of successful applicants for engagement as a Casual Cleaner in the following State School, if and when the need arises:

Can. P. Pullicino Girls' Secondary School, Triq Ferris, Rabat.

2. The final order of merit, will be published after all eligible applicants are interviewed to assess their suitability for the post of Casual Cleaner.

3. The order of merit will remain valid for a period of two (2) calendar years from the date of publication of the final result.

4. Any engagement made will be of an entirely temporary nature and may be terminated by the Government or by the Casual Cleaner at any time by giving a week's notice in writing without specifying any reason thereof. The engagement will however be suspended for the whole or part thereof, of the school summer holidays.

5. Selected candidates who are engaged will normally be expected to work after school hours from 2 to 3 hours per

iskola. F'każ eċċezzjonali u dejjem fid-diskrezzjoni tal-Kap ta' l-Iskola, jistgħu jintalbu li jaħdmu matul il-ħinijiet ta' l-iskola.

6. Il-ħlas ikun bir-rata ta' Lm1.57 għal kull siegħa maħduma. Il-*Casual Cleaners* ikunu intitolati wkoll għall-*bonus* annwali u l-ħlas supplimentari ta' kull ġimgħa, it-tnejn fuq bażi *pro-rata* skond in-numru ta' sigħat maħduma.

7. *Casual Cleaners* ma jkunux eliġibbli biex japplikaw għal sejħiet għall-applikazzjonijiet li jkunu miftuħin għall-impjegati tal-Gvern.

8. Il-kandidati għandhom:-

(a) ikunu ċittadini ta' Malta jew ta' Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

(b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija;

(ċ) ikunu ta' karattru morali tajjeb (ċertifikat tal-Pulizija dwar il-Kondotta maħruġ fi żmien sitt xhur qabel id-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet, għandu jiġi mehmuż ma' l-applikazzjonijiet).

(d) ikollhom 17-il sena jew aktar. L-applikanti jridu jissottomettu ċertifikat tat-twelid tagħhom flimkien ma' ċertifikat tat-twelid ta' missierhom. Iż-żewġ ċertifikati jridu jkunu maħruġa minn awtoritajiet pubbliċi kkonċernati.

(e) (i) Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibilità għall-post/pożizzjoni. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office*.

(ii) Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibilità u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lill-Kap ta' l-Iskola u tkun ikkupjata lill-KNPD.

9. Applikanti eliġibbli jridu joqogħdu għall-intervista mill-Kunsill Skolastiku ta' l-Iskola biex jiġi stabbilit kemm huma adatti għall-post ta' *casual cleaners*.

10. Kull min hu interessat jista' jiġbor applikazzjonijiet mill-Uffiċċju tas-Segretarju tal-Kunsill ta' l-iskola kkonċernata.

day. Exceptionally however they may be required to work during school hours at the discretion of the Head of School.

6. Remuneration will be at a rate of Lm1.57 for every hour worked. Casual Cleaners will also be entitled to the annual bonus and the weekly income supplement both on a pro-rata basis according to the number of hours worked.

7. Casual Cleaners will not be eligible to apply for any internal calls for applications open to serving Malta Government employees.

8. Candidates must:

(a) be citizens of Malta or a European Union Member State;

(b) must have the ability to communicate in the Maltese language;

(c) be of good moral character (a Police Certificate of Conduct issued within 6 months prior to the closing date of applications must be produced).

(d) be 17 years of age or older. Applicants should produce their Birth Certificate with that of their father (issued from appropriate Public Authorities). Applicants who are 61 years or over are not eligible to apply.

(e) (i) Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office.

(ii) Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Head of school and copied to the NCPD.

9. Eligible applicants will be interviewed by the School Council to assess their suitability for the post.

10. Interested persons may collect application forms from the Office of the Secretary of the School Council of the school.

11. L-applikazzjonijiet jintlaqgħu mis-Segretarju tal-Kunsill Skolastiku ta' l-Iskola sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, it-30 ta' Ġunju, 2006.

12. Is-Segretarju tal-Kunsill Skolastiku jagħti rċevuta għal kull applikazzjoni li titwassal bl-idejn dak il-ħin stess.

13. Min jibgħat l-applikazzjoni bil-posta għandu jieħu ħsieb li jibgħatha kmieni biżżejjed biex tasal qabel il-ħin u d-data ffissati għall-għeluq ta' l-applikazzjonijiet. Tintbagħat irċevuta mis-Segretarju tal-Kunsill Skolastiku fi żmien sebat ijiem, biex jikkonferma li l-applikazzjoni tkun waslet.

Is-16 ta' Ġunju, 2006

11. Applications will be received in the first instance by the Council Secretary of the school by not later than noon of Friday, 30th June, 2006.

12. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Secretary of the School Council at the time of delivery.

13. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Council's Secretary, within seven days.

16th June, 2006

KULLEĠĠ MALTI TA' L-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Assistenti Bibljotekarji

Il-Kulleġġ Malti ta' l-Arti, Xjenza u Teknoloġija jilqa' applikazzjonijiet għal Assistenti Bibljotekarji

Min jiġi nominat ikun meħtieġ li jagħmel l-analiżi tal-bżonnijiet ta' l-informazzjoni, jagħżel u jikseb il-materjal xieraq, jipproċessa l-informazzjoni, jagħti appoġġ direttament u jissorvelja lil dawk li jużaw il-librerija u l-i*staff* u jgħin biex jistabbilixxi *standards* ta' kwalità fil-librerija.

Il-post ta' Assistent Bibljotekarju huwa wieħed professjonali u jeħtieġ li d-detentur tal-post ikun bibljotekarju kwalifikat, li ta' l-anqas ikollu Diploma fil-*Library and Information Studies* mill-Università ta' Malta jew ekwivalenti. Dawk li jkollhom lawrija fil-Library Studies jew lawrija f'kull suġġett u Diploma fil-*Library and Information Studies iku*nu preferuti. Studenti miktuba fl-aħħar sena tal-kors tad-DLIS jikkwalifikaw biex japplikaw.

L-applikanti għandhom ikunu jafu sew il-kompjuter (ta' l-anqas ikollhom l-*ECDL)* u jkunu mistennija biex iżommu ruħhom aġġornati ma' l-iżviluppi ta' l-IT tal-Libreriji billi jattendu korsijiet kif meħtieġ. Detenturi ta' dan il-post ikunu meħtieġa li jkunu jafu tajjeb kif iġibu ruħhom u għandhom ikunu disposti li jgħinu lil min juża l-librerija f'kull bżonn li jkollhom bħala prijorità. Jiġu kkunsidrati applikazzjonijiet biex jaħdmu *part-time*. L-applikanti għandhom jindikaw b'mod ċar il-preferenza għall-post ta' *full-time* jew *part-time*, jew l-interess tagħhom fiż-żewġ għażliet.

Persuni interessati għandhom jibagħtu l-Formola ta' l-Applikazzjoni ta' l-MCAST, li tinkiseb *online* u mill-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani, sa nhar l-Erbgħa, it-28 ta' Ġunju 2006. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati. Aktar tagħrif jista' jinkiseb mill-MCAST Main Campus, it-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid, PLA 08.

(Permess ta' l-ETC Nru. 22/2005)

Is-16 ta' Ġunju, 2006

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

Assistant Librarians

The Malta College of Arts, Science and Technology invites applications for Assistant Librarians.

The appointees will be required to carry out information needs analysis, select and acquire appropriate material, process information, directly support and supervise library users and staff and assist in the establishment of library quality standards.

The post of Assistant Librarian is a professional one and requires the post holder to be a qualified librarian, having as a minimum a Diploma in Library and Information Studies from the University of Malta or equivalent. Holders of a degree in Library Studies or a degree in any subject and a Diploma in Library and Information Studies will be preferred. Students enrolled in the final year of the DLIS course qualify for application.

Applicants should be IT literate (ECDL as a minimum) and will be expected to keep up-to-date with IT Library developments through attending courses as required. Post holders are required to have good interpersonal skills and must be willing to assist library users in all their needs as a priority. Part-time applications will be considered. Applicants should clearly indicate their preference for a full-time or for a part-time position, or their interest in both options.

Interested persons should submit the MCAST Application Form, available online and from the Human Resources Office, by not later than noon of Wednesday, 28th June 2006. Late applications will not be considered. Further information may be obtained from the MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola, PLA 08.

(ETC Permit No. 122/2005)

16th June, 2006

ATT TA' L-1993 DWAR KUNSILLI LOKALI

Avviż

Bis-saħħa tar-regolament 88 tat-Tielet Skeda ta' l-Att ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali, il-Kummissjonarji Elettorali b'dan javżaw illi ser issir elezzjoni każwali biex jimtela l-post ta' Kunsillier għall-Kunsill Lokali ta' Santa Venera.

E. R. GATT
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Evans Building,
Misraħ Sant'Jiermu,
Il-Belt Valletta.

Is-16 ta' Ġunju, 2006

LOCAL COUNCILS' ACT, 1993

Notice

By virtue of regulation 88 of the Third Schedule of the Local Councils' Act, 1993, the Electoral Commissioners hereby notify that a casual election is being held to fill the vacancy of a Councillor for the Local Council of Santa Venera.

E. R. GATT
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Evans Building,
St Elmo Square,
Valletta.

16th June, 2006

ATT TA' L-1993 DWAR KUNSILLI LOKALI

Avviż

Skond id-dispożizzjonijiet tar-regolament 89 tat-Tielet Skeda ta' l-Att ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali, il-Kummissjonarji Elettorali javżaw illi huma ser ikunu fl-Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali, Evans Building, Misraħ Sant'Jiermu, il-Belt Valletta, nhar it-Tnejn 19, it-Tlieta 20 u l-Erbgħa 21 ta' Ġunju, 2006 mill-10.00 a.m. sa nofsinhar biex jirċievu nominazzjonijiet ta' kandidati għall-elezzjoni każwali ta' Kunsillier għall-Kunsill Lokali ta' Santa Venera.

E. R. GATT
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Evans Building,
Misraħ Sant'Jiermu,
Il-Belt Valletta.

Is-16 ta' Ġunju, 2006

LOCAL COUNCILS' ACT, 1993

Notice

In accordance with the provisions of regulation 89 of the Third Schedule of the Local Councils' Act, 1993, the Electoral Commissioners notify that they will be in attendance at the Office of the Electoral Commission, Evans Building, St Elmo Square, Valletta on Monday 19th, Tuesday 20th and Wednesday 21st June, 2006 from 10.00 a.m. to noon to receive nominations of candidates for the casual election of Councillor for the Local Council of Santa Venera.

E. R. GATT
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Evans Building,
St Elmo Square,
Valletta.

16th June, 2006

KUNSILL LOKALI ĦAMRUN

Il-Kunsill Lokali Ħamrun se iniedi *refresher courses* fis-suġġetti ta' l-Ingliż, Malti u Matematika fil-vaganzi tas-sajf għat-tfal Ħamruniżi li ma jkunux għaddew mill-eżami tal-*Junior Lyceum* ta' Mejju 2006 iżda jkunu jixtiequ jerġgħu jippruvawh is-sena ta' wara.

Il-lezzjonijiet ta' sagħtejn se jsiru 3 darbiet fil-ġimgħa (darba Ingliż, darba Malti u darba Matematika). Il-ħsieb hu li n-numru tat-tfal f'kull klassi jkun sa 28. Fotokopji neċessarji għall-kors isiru mill-Kunsill Lokali.

Kull għalliem/a jrid ikollha *warrant* ta' għalliem/a u jkun tajjeb li tkun għamlet il-kors ta' l-ECDL fil-livelli 2, 3, 4, 5.

Dawk l-għalliem/a interessati jridu jibgħatu s-*C.V.* u ċertifikat tar-reġistrazzjoni tal-*VAT* tagħhom lill-Kunsill Lokali Ħamrun, 683A, Triq il-Kbira San Ġużepp, il-Ħamrun, sa nhar l-Erbgħa, it-28 ta' Ġunju 2006 u jindikaw il-ħlas mitlub għal kull siegħa. Se jkun hemm *board* ta' l-għażla fil-każ li n-numru ta' dawk li japplikaw ikun aktar minn dak meħtieġ.

Il-Kunsill jirriserva d-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

Is-16 ta' Ġunju, 2006

ĦAMRUN LOCAL COUNCIL

The Ħamrun Local Council will be organising refresher courses in English, Maltese and Mathematics subjects during the summer holidays for those Ħamrun students that were not successful in the Junior Lyceum exams held in May 2006 and who are willing to resit for the exams.

The two-hour lessons are to be held 3 times a week (an English lesson, Maltese lesson and Mathematics lesson), with classes of not more than 28 students. The Local Council will provide any necessary photocopies.

Teachers must have a Teacher's Warrant and preferably ECDL levels 2, 3, 4, 5.

